# Intervent fit-Tfulija Bikrija Analiżi tas-Sitwazzjonijiet fl-Ewropa

## Aspetti u Rakkomandazzjonijiet Ewlenin



**European Agency for Development in Special Needs Education**

# Intervent fit-Tfulija Bikrija

## Analiżi tas-Sitwazzjonijiet fl-Ewropa

## *Aspetti u Rakkomandazzjonijiet Ewlenin*

### Ir-Rapport fil-Qosor

***L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp***
***ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali***

Dan ir-rapport huwa taqsira tal-istudju dwar l-Intervent fit-Tfulija Bikrija. Wieħed jista' jieħu partijiet mid-dokument, darba waħda ssir referenza ċara għas-sors minn fejn ikunu ttieħdu.

Dan ir-rapport kien imħejji mill-Agency fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-Esperti Nazzjonali fl-ECI li kienu nnominati għal dan il-għan. Hawnhekk wieħed irid jirringrazzja lil *Stefanija Alisauskiene; Lena Almqvist; Josiane Bechet; Alain Bony; Graça Breia; Lesley Campbell; Isabel Felgueiras; Bergþóra Gisladottir; Liisa Heinämäki; Monica Ingemarsson; Zuzana Kaprova; Maria Karlsson; Jytte Lau; Johanna Lindqvist; Ene Mägi; Theoni Mavrogianni; Ineke Oenema-Mostert; Franz Peterander; Jaime Ponte; Manfred Pretis; Bieuwe Van Der Meulen; Panagiota Vlachou* għas-sehem tagħhom u lil *Axelle Cheney* għall-għajnuna tagħha.

Wieħed jista' jsib tagħrif sħiħ permezz tal-internet li għandu x'jaqsam mas-sitwazzjonijiet tal-pajjiż in kwistjoni, kif ukoll d-dettalji tal-kuntatt mal-esperti kollha u r-rappreżentattivi nazzjonali tal-Agency li huma involuti fil-proġett,fuq il-*web* iddedikata għall-Intervent fit-Tfulija Bikrija (Early Childhood Intervention) f':
http://www.european-agency.org/eci/eci.html

Editur: Victoria Soriano

Il-paġna tal-faċċata: *'Palveluviidakko' – the Services Jungle* – minn Marjaana Koskivuori. Din it-tpinġija nħolqot minn Marjaana, li twieldet fl-1988 u hija artista magħrufa fil-Fillandja. Minħabba l-palsy ċerebrali tagħha, Marjaana tuża mouse infrared biex tikkrea l-grafika fuq il-kompjuter tagħha. Marjaana tat it-tifsira ta' din it-tpinġija b'dan il-mod: 'Il-punt aħmar fuq il-lemin hu jien, barra mill-ġungla tas-servizzi'. Marjaana tat din it-tpinġija lill-Agency bħala ringrazzjament għas-sehem tagħha fl-Assemblea tal-Young People bi ħtiġijiet Speċjali li l-Agency organizzat fil-Parlament Ewropew nhar it-3 ta' Novembru 2003.

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kien sostnut mid-DG Education, Training, Culture and Multilingualism of the European Commission:
http://europa.eu.int/comm/dgs/education_culture/index_en.htm

ISBN: 8791500-60-5 (Elettroniku) 978-8791500-60-2
8791500-42-7 (Ipprintjat) 978-8791500-42-8

**2005**

**European Agency for Development in Special Needs Education**

Secretariat:
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00
secretariat@european-agency.org

Brussels Office:
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

**IL-KONTENUT**


TAQSIRA EŻEKUTTIVA....................4
DAĦLA ....................7
1. INTERVENT FIT-TFULIJA BIKRIJA: QAFAS KUNĊETTWALI....11
2. INTERVENT FIT-TFULIJA BIKRIJA: ANALIŻI TAL-PROĠETT...19
2.1 Servizzi pprovduti f'pajjiżi differenti....................19
2.2 Aspetti ewlenin....................23
2.2.1 Gruppi fil-Mira....................24
2.2.2 Xogħol f'team ....................25
2.2.3 Taħriġ tal-professjonisti....................26
2.2.4 Għodod ta' Ħidma ....................27
2.3 Tliet eżempji speċifiċi ta' ECI ....................29
2.3.1 Xejriet ewlenin ....................30
2.3.2 Xebh u differenzi ....................37
3. RAKKOMANDAZZJONIJIET....................40
3.1 Kemm wieħed jaffordja jikseb dak li jkollu bżonn....................40
3.2 Qrubija fis-sens ta' distanza ....................41
3.3 Kemm wieħed jaffordja jikseb dak li jkollu bżonn....................42
3.4 Xogħol interdixxiplinarju ....................43
3.5 Diversità....................44
REFERENZI ....................46

## TAQSIRA EŻEKUTTIVA

L-Intervent fit-Tfulija Bikrija (ECI) huwa qasam importanti kemm fuq livell ta' *policy* kif ukoll fuq livell professjonali. Dan għandu x'jaqsam mad-dritt ta' tfal żgħar ħafna u l-familji tagħhom li jirċievu s-sostenn li jkunu jinħtieġu. L-ECI għandu l-għan li jgħin u jagħti s-saħħa meħtieġa flimkien mas-servizzi li jkun hemm bżonn lit-tfal u l-familji tagħhom. L-ECI jgħin biex jibni soċjetà inklużiva u magħquda flimkien li hija konxja tad-drittijiet tat-tfal u tal-familji tagħhom.

Id-dokumenti dwar dan l-aspett li ġew ippubblikati f'dawn l-aħħar 20–30 sena juru l-evoluzzjoni tal-ideat u t-teoriji li jwasslu għall-kunċett il-ġdid tal-ECI li fih, is-saħħa, l-edukazzjoni u x-xjenzi soċjali (b'mod partikolari l-psikoloġija) huma direttament imdaħħla. Il-kunċett il-ġdid tal-ECI jiffoka fuq l-iżvilupp tat-tfal u l-impatt tal-interazzzjoni soċjali fuq l-iżvilupp inġenerali u fuq it-tfal b'mod speċifiku. Dan il-kunċett jagħti importanza kbira lill-qabża minn tip ta' intervent li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa ffukat fuq it-tfal, għal attitudni aktar wiesgħa li tinvolvi lit-tfal, il-familja u l-ambjent, filwaqt li tikkorrispondi mal-evoluzzjoni aktar wiesgħa tal-ideat fil-qasam tad-diżabiltà, jiġifieri l-qabża fl-enfasi minn mudell 'mediku' għal wieħed 'soċjali'.

Elementi differenti li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-kunċett il-ġdid tal-ECI kienu identifikati fl-analiżi tal-proġett tal-Agency. Dawn huwa deskritti hawn taħt.

*Kemm wieħed jista' jiksibhom; kemm wieħed jista' jkollu aċċess għalihom minħabba distanza; kemm wieħed jista' jaffordjahom kif ukoll l-aspett tad-diversità* jidhru bħala li huma xejriet komuni tas-servizzi tal-ECI Ewropew:

- Varjetà ta' servizzi li wieħed jista' jikseb u li jkollu aċċess għalihom u/jew il-proviżjoni tagħhom huma pprovduti darba waħda jintalbu mill-familja;
- Proviżjonijiet u servizzi ta' dan it-tip għandhom jiġu offruti kemm jista' jkun malajr, ikunu b'xejn jew bi prezz minimu għall-familji, u jiġu pprovduti kull fejn u kull meta jkun hemm bżonnhom, preferibilment fil-livell lokali. Is-servizzi jridu jkunu tali li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-familji u jipprovdu intervent li jiffoka fuq il-familja;
- Id-diversità tas-servizzi f'pajjiżi differenti f'pajjiżi tagħti importanza kbira l-ħtieġa li jiġu stabbiliti kooperazzjoni u koordinazzjoni ta'

servizzi u riżorsi adekwati biex b'hekk jiġi assigurat servizz ta' kwalità;
- Is-saħħa, kif ukoll is-servizzi soċjali u edukattivi jridu jiġu involuti u jaqsmu bejniethom ir-responsabiltà għall-ECI. Dan jikkorrispondi mal-isfond teoretiku tal-ECI, ibbażat fuq ix-xjenzi soċjali u dixxiplini differenti u xjenzi soċjali. Is-saħħa, kif ukoll ix-xjenzi umani u soċjali għandhom x'jaqsmu sew ma' xulxin fejn jidħol l-iżvilupp tat-tifel/tifla u wieħed irid jirresponsabilizza ruħu għaliha. M'hemm l-ebda mudell singlu ta' referenza: teoriji u mudelli differenti taw is-sehem tagħhom għall-iżvilupp ta' attitudni wiesgħa ta' ECI li jiffoka fuq it-tifel/tifla, il-familja u l-kommunità, li jgħaddi minn mudell mediku għal wieħed soċjali.

Fil-laqgħat dwar il-proġett ġew diskussi l-aspetti ewlenin *tal-gruppi fil-mira, ix-xogħol f'team, it-taħriġ professjonali u l-għodod tal-ħidma:*
- L-impatt tat-tibdiliet fis-soċjetà fuq il-gruppi fil-mira tal-ECI kif ukoll n-numru dejjem jiżdied ta' tfal li jkollhom problemi psikoloġiċi u soċjo-emozzjonali kienu ta' preokkupazzjoni kbira għall-esperti tal-proġett;
- Professjonisti differenti minn dixxiplini varji għandhom ir-responsabiltà li jgħinu lit-tfal żgħar u lill-familji tagħhom. In-nies professjonali f'dan il-qasam ma jistgħux jaħdmu għal rashom; hemm bżonn li jaħdmu flimkien f'team interdixxiplinarju. Biex wieħed jilħaq xogħol f'team li jikkopera flimkien, il-professjonisti f'dan il-qasam jeħtieġ li jkollhom xi forma ta' taħriġ flimkien. B'hekk ikunu jistgħu jżidu mal-għerf u l-għarfien li jkunu diġà kisbu fit-taħriġ inizjali tagħhom. Dan it-taħriġ komuni ta' bejniethom jista' jsir permezz ta' aktar taħriġ (speċjalizzat) jew bħala parti minn taħriġ ta' aġġornament. Dan jassigura li dawn il-professjonisti jkollhom l-għerf meħtieġ dwar oqsma li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp tat-tfal, il-metodi ta' kif wieħed għandu jaħdem, il-kooperazzjoni bejn naħa u oħra tas-servizz inkwistjoni, ix-xogħol f'team, l-immaniġġjar tal-każijiet, l-iżvilupp ta' ħiliet personali, u x-xogħol ma' familji. Il-professjonisti għandhom ikunu jafu kif jinvolvu u jaħdmu mal-ġenituri u/jew il-familji estiżi u jirrispondu għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom, li jistgħu jkunu differenti minn dak li jaħsbuha huma fil-professjoni partikolari tagħhom;
- Il-professjonisti jużaw għodod differenti biex jassiguraw proċess ta' kwalità għolja li ma jkollux nuqqasijiet, jinbeda hekk kif wieħed jinduna bil-problema u jibda jitwettaq permezz tal-involviment sħiħ u s-sehem tal-familji. Fil-każ fejn ikun hemm bżonn ta' intervent, jiġi żviluppat Pjan Individwali – li jissejjaħ ukoll Pjan tal-Familja jew Pjan

għas-Servizz tal-Familja (dejjem skont il-pajjiż li jkun). Dan isir bħala riżultat tal-kooperazzjoni bejn il-familja u t-team inkwistjoni. Il-pjan jiffoka fuq il-ħtiġijiet, is-saħħiet, il-prijoritajiet, il-miri, kif ukoll l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u jiġu evalwati. L-eżistenza ta' dokument ta' dan it-tip tiffaċilita t-trasferiment tal-informazzjoni u t-tkomplija tas-sostenn neċessarju meta tifel/tifla jgħaddi minn forma speċifika ta' għajnuna għal oħra, jew meta familja tmur toqgħod x'imkien ieħor.

Dawn l-elementi kollha jipprovdu l-bażi għall-formulazzjoni ta' għadd ta' rakkomandazzjonijiet li l-għan tagħhom huwa li jtejbu u jikkonsolidaw s-servizzi u l-proviżjoni tal-ECI li diġà jeżistu. Dawn huma ppreżentati fl-aħħar kapitlu ta' dan id-dokument.

# DAĦLA

Dan id-dokument għandu l-għan li jagħti fil-qosor l-analiżi tal-proġett tal-aspetti ewlenin tal-programm tal-Intervent fit-Tfulija Bikrija *(Early Childhood Intervention – ECI)* f'għadd ta' pajjiżi Ewropej, li saru mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali matul is-sena 2003-2004. Dan id-dokument fih ukoll lista ta' rakkomandazzjonijiet li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma indirizzati lejn professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam, u li l-għan tagħhom hu li joffru ideat prattiċi għar-riflessjoni u t-titjib fil-prattika tagħhom.

Din l-analiżi ma kinetx tkun possibbli mingħajr l-esperjenza u l-kompetenza tal-esperti u l-familji involuti direttament jew indirettament fil-proġett. Huma pprovdew il-materjal, l-ideat u r-rimarki li għandhom x'jaqsmu mas-sitwazzjoni fl-ECI fejn jidħlu l-pajjiżi tagħhom, kif ukoll r-riflessjonijiet u l-kummenti kritiċi fil-fażijiet kollha tal-proġett.

Ir-**razzjonal** wara dan id-dokument jikkorrispondi mal-ħtiġijiet għal aktar studju fil-fond ta' dan is-suġġett daqshekk importanti, kif ukoll l-iżvilupp tax-xogħol li diġà sar mill-Agency fl-1998. Dan ir-razzjonal huwa wkoll skont il-prinċipji ewlenin iffissati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin fosthom in-Nazzjonijiet Uniti (U.N.) u l-UNESCO, li t-tnejn urew il-pożizzjoni tagħhom fil-ġlieda għad-drittijiet tat-tfal u l-familji tagħhom b'mod mill-aktar ċar:

*Kemm it-tfulija kif ukoll il-pożizzjoni ta' omm huma qagħdiet li għandu jkollhom attenzjoni u għajnuna speċjali.* (U.N. 1948, Artiklu 25 §2)

*It-tifel/tifla għandu jkollu dritt li jikber u jiżviluppa b'saħħtu; għal dan il-għan, għandhom jingħataw għajnuna u protezzjoni speċjali kemm lilu kif ukoll lil ommu, li jkunu jinkludu fihom għajnuna kemm qabel kif ukoll wara t-twelid.* (U.N. 1959, Prinċipju 4)

*Dawk l-hekk magħrufa bħala 'states' parties' jagħrfu d-dritt tat-tifel/tifla b'diżabiltà għal għajnuna speċjali u għandhom iħeġġu u jassiguraw li din tingħata bl-aktar mod possibbli, dejjem skont ir-riżorsi li wieħed ikollu, lil dawk it-tfal u dawk li jkunu fir-responsabiltà tagħhom; għall-assistenza li għalihom issir applikazzjoni u li tkun tgħodd għall-kundizzjoni tat-tifel/tifla u ċ-ċirkustanzi tal-ġenituri jew xi ħadd ieħor li jkun qiegħed jieħu ħsiebu/ha.* (U.N. 1989, Artiklu 23 §2)

*L-Istati jridu jaħdmu biex jipprovdu programmi mmexxija minn teamijiet multidixxiplinarji ta' professjonisti li xogħolhom ikun li jagħrfu minn kmieni, jassessjaw u jittrattaw id-diżabiltà. Din tista' tiskansa, tnaqqas jew telimina l-effetti tad-diżabiltà.* (U.N. 1993, Regola 2 §1)

*L-għajnuna fit-tfulija bikrija, kif ukoll il-programmi edukattivi għal tfal li jkollhom sa sitt snin għandhom jiġu żviluppati u/jew riorjentati biex jgħinu fl-iżvilupp fiżiku, intellettwali u soċjali u t-tħejjija għall-iskola.. Dawn il-programmi għandhom valur ekonomiku ewlieni għall-individwu, il-familja u s-soċjetà biex jiġu evitati li l-kundizzjonijiet tad-diżabiltà jiggravaw rwieħhom.* (UNESCO, 1994, §53)

Il-**metodoloġija** użata waqt l-analiżi kellha l-għan li tikkorrispondi mal-prinċipji bażiċi tal-ECI; li titħaddem b'mod rispettabbli u miftuħ f'ambjent multidixxiplinarju u b'mod interattiv, li jirrispetta l-ambjenti diversi tal-parteċipanti.

Il-ġbir tal-informazzjoni fuq livell nazzjonali u l-analiżi tas-sitwazzjonijiet nazzjonali ffurmaw l-bażi tax-xogħol li sar.

Esperti ewlenin li jirrappreżentaw l-policy tal-ECI, kif ukoll is-setturi tal-prattika u r-riċerka minn 19-il pajjiż kienu nnominati biex jirrappreżentaw lill-Agency. Is-setturi professjonali kollha kienu wkoll irrappreżentati: l-edukazzjoni, is-servizzi soċjali u l-għajnuna fis-saħħa (health care), flimkien ma' rappreżentazzjoni ikbar mis-servizzi edukattivi. Il-familji kienu direttament involuti f'waħda mil-laqgħat ta' ħidma, kif ukoll fil-fażi tal-validazzjoni tal-proġett (ara paġna 10).

B'kollox, saru ħames laqgħat matul il-proġett – erba' laqgħat ta' ħidma u seminar finali. L-oġġettiv ewlieni tax-xogħol li sar matul il-laqgħat kien li jirrifletti u fl-istess ħin jipprovdi proposti konkreti li għandhom x'jaqsmu mal-aspetti t'hawn taħt u li kienu identifikati fl-ewwel laqgħa:

- Ir-rwol li għandhom ikollhom is-servizzi u l-professjonijiet fil-proviżjon ta' interventi fl-isfond tat-tfulija bikrija;
- It-tiswir tat-team u t-taħriġ neċessarju tal-professjonisti;
- It-tibdil relatat mal-gruppi fil-mira tal-ECI;
- L-għodod meħtieġa biex wieħed jaħdem mat-tfal u l-familji tagħhom bl-aħjar mod possibbli.

Ingħażlu tliet postijiet fejn isiru l-laqgħat kif ukoll iż-żjajjar fuq is-siti. Dawn ingħażlu minħabba li tqiesu bħala eżempji tajba ta' modi differenti kif wieħed jwettaq il-mudell ekoloġiku-sistematiku tal-ECI – approċju teoretiku u prattiku li huwa magħruf sew. Barra minn hekk, dawn it-tliet postijiet urew li kien hemm relazzjoni diretta ma' xogħol ta' riċerka kontinwa minn universitajiet tal-lokal. Dan ta ċans lill-esperti biex jiddiskutu u mbagħad jidentifikaw il-karatteristiċi ewlenin, l-aspetti pożittivi u l-oqsma li fihom seta' jsir titjib biex jitwettqu, skont is-sitwazzjoni tal-pajjiżi parteċipanti.

L-analiżi kollha, fil-kompletezza tagħha mbagħad tkompliet f'erba' fażijiet, li lkoll flimkien għenu biex jitħejja dan ir-rapport fil-qosor.

*Il-fażi tal-informazzjoni:* ġbir tal-kontribuzzjonijiet tal-pajjiż, strutturati skont mudell maqbul fl-ewwel laqgħa u maħsub biex iqabbel is-servizzi u l-proviżjonijiet eżistenti fil-pajjiżi involuti. L-esperti ntalbu:

- Biex jipprovdu tagħrif fuq il-karatteristiċi ewlenin tas-servizzi tal-ECI u/jew il-proviżjoni ta' dawn fill-pajjiżi tagħhom, u
- Biex jippreżentaw sistema - *lifeline*, segwita minn tifel/tifla u l-familja tagħhom li kellha l-ħtieġa ta' intervent fit-tfulija bikrija mit-twelid sal-ħames jew is-sitt sena. Dan il-*lifeline* indika l-isem u t-tip ta' sostenn offrut permezz ta' proviżjoni li wieħed seta' jikseb u li kienet tiddependi fuq l-età tat-tfal, is-servizzi responsabbli għal dik il-proviżjoni kif ukoll il-kummenti relatati.

*Il-fażi ta' tibdil:* tibdil u diskussjoni fuq għadd ta' aspetti maqbula li kellhom x'jaqsmu mal-qasam tal-ECI u mibnija fuq eżami ta' tliet eżempji prattiċi: Munich, il-Ġermanja, il-Koimbra, il-Portugal u Västerås u l-Isvezja. It-tliet postijiet taw il-possibiltà kif l-ECI jitwettaq b'modi differenti, kif ukoll biex jiġu identifikati similaritajiet u differenzi fejn jidħlu s-servizzi u l-proviżjoni tagħhom fil-pajjiżi involuti fil-proġett. Is-sehem tal-professjonisti u l-ġenituri għanew id-diskussjonijiet.

*Il-fażi tad-Diskussjoni:* diskussjoni globali fuq il-qagħda tal-ECI u l-kjarifikazzjoni tal-kontenut li kienu ġġenerati fil-laqgħat. Dokument-kampjun dwar ir-riżultati ewlenin tad-diskussjonijiet li nżammu fit-tliet laqgħat kienu diskussi fit-tul. Din il-fażi importanti għenet fil-produzzjoni tar-rapport fil-qosor tal-aħħar permezz ta' diskussjoni fil-fond mal-esperti u r-rappreżentanti tal-Agency fuq livell nazzjonali dwar l-aspetti kollha li wieħed isib fid-dokument.

*Il-fażi tal-validità*: il-validità tar-riżultati fis-seminar tal-aħħar, b' diskussjoni miftuħa tar-riżultati miksuba mill-grupp tal-esperti u l-gruppi esterni. Ġenituri, professjonisti, il-*policy makers* u r-riċerkaturi involuti fil-qasam tal-ECI ġew mistiedna għal din il-fażi finali.

It-terminu intervent fit-tfulija bikrija f'dan id-dokument hu użat b'mod deliberat. Dan sar biex tiġi evitata l-konfużjoni fejn jidħol il-kunċett ta' intervent bikri. Intervent bikri jirreferi għall-azzjoni neċessarja kif ukoll l-intervent li qiegħed jintuża biex isostni lil kwalunkwe tifel/tifla u l-familja, kemm jista' jkun kmieni matul kull żmien tal-edukazzjoni tiegħu/tagħha.

Hawnhekk wieħed irid jgħid li l-azzjonijiet fi ħdan l-isfond tal-Intervent tat-Tfulija Bikrija huma ffukati fuq it-tfal bi ħtiġijiet speċjali mit-twelid sakemm ikollhom sa massimu ta' sitt snin.

Dan ir-rapport fil-qosor huwa strutturat kif ġej. **L-ewwel Kapitlu** ta' dan id-dokument jipprovdi dehra fil-qosor tal-qafas kunċettwali tal-qasam tal-ECI. Dan il-qafas jibni fuq pubblikazzjonijiet u definizzjonijiet filwaqt li jiġu deskritti obbjettivi ewlenin.

Fit-**Tieni Kapitlu** nsibu r-riżultati tal-analiżi li saret fil-proġett. Din l-analiżi ttrattat ir-realtà tal-proviżjoni u l-organizzazzjoni tas-servizzi tal-ECI fil-pajjiżi parteċipanti. Barra minn hekk irriflettiet ukoll d-diskussjonijiet fil-fond li għandhom x'jaqsmu mat-tliet eżempji tal-pajjiżi. Bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet ġew identifikati serje ta' aspetti ewlenin tal-ECI. Dawn huma l-qofol ta' numru ta' konsiderazzjonijiet u sfidi għall-familji u għall-professjonisti.

Fit-**Tielet Kapitlu** saret lista ta' għadd ta' rakkomandazzjonijiet li ġew indirizzati, fil-qofol tagħhom, lill-professjonisti.

Dan id-dokument jista' biss jipprovdi taqsira tad-diskussjonijiet, informazzjoni u esperjenzi li ġew mistħarrġa mill-esperti matul il-proġett. Dawk interessati li jkollhom aktar tagħrif fuq is-sitwazzjoni tal-ECI fil-pajjiżi parteċipanti, kif ukoll dettalji dwar in-nies ewlenin li magħhom wieħed jista' jagħmel kuntatt, flimkien ma' referenzi għal pubblikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan kollu, għandhom jirreferu għall-*web area* tal-ECI fuq il-*website* tal-Agency:
http://www.european-agency.org/eci/eci.html

# 1. INTERVENT FIT-TFULIJA BIKRIJA: QAFAS KUNĊETTWALI

Il-Qafas kunċettwali tal-Intervent fit-Tfulija Bikrija huwa meqjus bħala l-qasam ewlieni għall-analiżi tal-livell Ewropew. Dan il-qafas kunċettwali kien wieħed mill-oqsma tematiċi fil-qafas tal-programm Helios II (1993-1996) tal-Azzjoni fil-Kommunità, b'riflessjonijiet importanti kemm mill-perspettivi edukattivi kif ukoll minn dawk rijabilitattivi. Ir-riżultati miż-żewġ setturi servew ukoll bħala l-bażi tad-dokument ippubblikat mill-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali (1998) u li taw stampa ċara tas-sitwazzjoni f'pajjiżi differenti. Dawn id-dokumenti, flimkien mal-*Eurlyaid – European Association on Early Intervention – Manifesto* (L-Assoċjazzjoni Ewropea fuq Intervent Bikri – Il-Manifest) – 1991 u pubblikazzjonijiet relevanti oħra, jipprovdu dehra ġenerali tajba tal-iżvilupp ta' dan is-suġġett fil-livelli teoretiċi, tal-*policy* u tal-prattika.

Id-dokumenti internazzjonali u Ewropej ippubblikati fl-aħħar 20–30 sena, li għandhom x'jaqsmu mal-kunċetti, il-prinċipji u l-metodu tal-ECI, juru **l-evoluzzjoni tal-ideat u t-teoriji**. Ix-xogħol ta' awturi differenti minn perspettivi teoretiċi varji għenu fl-evoluzzjoni ta' kunċetti u, konsegwentement, f'dik li hija prattika. Il-kontribuzzjonijiet tagħhom huma ta' żewġ tipi:

1. Dawn żviluppaw kunċett ġdid ta' ECI, li fih is-saħħa, l-edukazzjoni u x-xjenzi soċjali, partikolarment il-psikoloġija, kienu direttament involuti. Din bdiet tikkorrispondi ma' sitwazzjoni ġdida, għaliex fl-imgħoddi, dawn is-setturi kellhom impatt relattivament differenti u mhux dejjem inter-relatat;
2. Identifikaw il-progressjoni tal-bidla minn intervenzjoni li fil-qofol tagħha kienet tiffoka fuq it-tifel/tifla għal approċju aktar wiesa', fejn l-iffukar ma kienx aktar biss mixħut fuq it-tifel/tifla, imma anke fuq il-familja u l-kommunità (Peterander et al., 1999; Blackman, 2003).

Il-mod kif is-saħħa u x-xjenzi umani mxew 'il quddiem u evolvew f'dawn l-aħħar snin, barra t-tibdil soċjali b'mod ġenerali, kellu influwenza diretta fuq il-kunċetti u l-metodi li bħalissa qegħdin jintużaw fil-qasam tal-ECI.

Aktar tagħrif dwar il-mod kif jiżviluppa il-moħħ wera l-importanza ta' esperjenzi bikrin fl-iżvilupp ta' dawk li jissejħu toroq newrali, bl-Ingliż *neural pathways* (Kotulak, 1996). Bl-istess mod, skont Park &

Peterson (2003), riċerka riċenti fuq l-iżvilupp tal-moħħ tidher li tipprova li esperjenzi għonja u pożittivi fit-tfulija bikrija jista' jkollhom effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tal-moħħ, u dawn jgħinu lit-tfal biex jiksbu l-lingwa, biex jiżviluppaw ħiliet biex isolvu l-problemi, biex jiffurmaw relazzjonijiet b'saħħithom ma' sħabhom u mal-adulti u biex jiksbu ħiliet differenti li jkunu ta' importanza matul il-ħajja. Mit-twelid – saħansitra anke mill-istess konċepiment – sa l-ewwel snin tal-ħajja, il-mod kif jiżviluppaw it-tfal ma tistax tiġi mqabbla ma' l-ebda stadju tal-ħajja li jiġi aktar tard (Shonkoff, 2000). Madankollu, kif dan l-istess awtur juri, l-iżvilupp jista' ma jimxix kemm għandu jimxi minħabba 'xkilijiet' ta' xeħta soċjali u emozzjonali.

Dibattiti, kif ukoll riċerka ta' xeħta varja indirizzaw l-impatt dirett u irriversibbli tal-iżvilupp bikri fuq l-iżvilupp li jtul il-ħajja kollha, mingħajr prova evidenti ta' impatt fiss u riġidu ta' kawża-effett. Madankollu huwa aċċettat li dak li jiġri fl-ewwel ftit xhur u s-snin bikrin tal-ħajja għandu effett aktar tard fi żminijiet differenti tal-iżvilupp tat-tifel/tifla:

> *Mhuwiex importanti għaliex il-ħsara li ssir fil-bidu hija irriversibbli, għaliex opportuntajiet li wieħed jitlef qatt ma jista' jerġa' jġib aktar tard, jew għax is-snin bikrin isawru marka li ma titħassarx meta niġu għal dak li jirriżulta fid-dinja adulta: ħsara fi żmien bikri tista' tkun riversibbli, xi opportunitajiet li wieħed jitlef wieħed jista' jagħmel tajjeb għalihom aktar tard, u r-riżultati li wieħed jikseb fl-istadju ta' adult mhux bilfors ikollhom l-oriġini tagħhom f'esperjenzi bikrin. Aktar minn ħaġa oħra, l-ewwel snin tal-ħajja huma ta' importanza għaliex il-ħsara li ssir fil-bidu tista' tikkomprometti b'mod serju ħafna l-prospetti tal-ħajja tat-tfal. Biex wieħed jagħmel tajjeb għall-opportunitajiet li wieħed ikun tilef ħafna drabi jkun jinħtieġ intervenzjoni estensiva, aktar tard fil-ħajja. 'Pathways' bikrin jistabbilixxu jew stadju b'saħħtu jew fraġli li fuqu jinbena żvilupp sussegwenti.* (Shonkoff & Phillips, 2000, p. 384)

Għadd ta' teoriji fil-psikoloġija u l-edukazzjoni kkontribwixxew għall-konsolidazzjoni ta' approċju wiesa' lejn l-ECI; minn teoriji li ffukaw fuq id-dikotomija bejn in-natura u dak li wieħed jikseb matul ħajtu, fejn l-iżvilupp tat-tfal jidher bħala proċess miftuħ (*tabula rasa* fejn kollox hu possibbli u r-riżultati minn influenza adulta, pożittiva u negattiva) għal approċju aktar determinista.

Teoriji ewlenin li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp tat-tfal u l-proċessi tat-tagħlim, bħal ngħidu aħna l-approċju ta' żvilupp kif mifhum minn Gesell (1943), l-ikkundizzjonar operanti ta' Skinner (1968) u l-epistemoloġija ġenetika ta' Piaget (1969), kellhom influenza kbira fuq l-ECI. Element komuni u impliċitu, dwar strateġiji u possibilitajiet edukattivi għal tfal żgħar ħafna li jkollhom ħtiġijiet speċjali, huwa l-iffukar tagħhom fuq it-tfal u l-limitazzjonijiet tagħhom, li kienu jitqiesu indipendentement mill-ambjent li huma jgħixu fih.

Aktar żvilupp sar minn awturi oħra, li għamlu enfasi speċjali fuq:
a) Ir-rwol tal-familja u dawk li jieħdu ħsieb it-tfal (*caregivers*) fl-iżvilupp tat-tifel/tifla – it-teorija tal-attakkament (*attachment*) (Bowlby, 1980; Ainsworth et al., 1978);
b) L-impatt tal-interazzjonijiet soċjali – it-teorija tat-tgħallim soċjali (Bandura, 1977), it-teorija tal-iżvilupp soċjali (Vygotsky, 1978), il-mudell transazzjonali tal-komunikazzjoni (Sameroff and Chandler, 1975; Sameroff and Fiese, 2000);
c) L-influenza tal-interazzjonijiet ma' oħrajn u l-ambjent fuq l-iżvilupp – l-ekoloġija umana (Bronfenbrenner, 1979).

Perspettiva ġdida – għalkemm marbuta mill-qrib mat-teoriji li ssemmew aktar 'il fuq – tiffoka fuq l-approċju fis-sistema ekoloġika. Porter (2002) jiddefenixxi dan l-approċju bħala li jara t-tfal jiżviluppaw b'dawn il-modi:
*B'mod ħolistiku:* jiġifieri li l-oqsma kollha tal-iżvilupp – konoxxittivi, tal-lingwa, fiżiċi, soċjali u emozzjonali – huma marbuta ma' xulxin;
*Dinamiċi:* dan huwa l-prinċipju tal-'goodness fit', li jgħid li biex ambjent jibqa' jgħin fil-proċess tal-iffaċilitar, hemm bżonn li jinbidel biex iwieġeb għall-ħtiġijiet dejjem jinbidlu tal-individwu (Horowitz, 1987, cited by Porter, 2002, p. 9);
*Tranżazzjonali:* skont il-mudell ta' Sameroff u Chandler (1975), l-iżvilupp huwa ffaċilitat b'interazzjoni reċiproka bidirezzjonali bejn it-tifel/tifla u l-ambjent tiegħu/tagħha. Ir-riżultat tal-iżvilupp jidhru bħala r-riżultat tal-ħidma flimkien b'mod dinamiku u kontinwu bejn l-imġiba tat-tifel/tifla, il-mod kif iwieġeb min ikun qiegħed jagħti l-għajnuna (caregiver) għall-imġiba tat-tifel/tifla u l-varjabbli relatati mal-ambjent li jistgħu jinfluenzaw kemm lit-tifel kif ukoll lil min ikun qiegħed jieħu ħsiebu;
*Singulari:* l-għerf u l-iżvilupp huma xi ħaġa singulari – l-individwi jibnu l-perspettivi uniċi tagħhom.

L-approċju hekk magħruf bħala ekoloġiku-sistematiku jipprovdi mod sistematiku kif wieħed janalizza, jifhem u jirrekordja dak li jkun qiegħed jiġri lil tfal u lil żgħażagħ flimkien mal-familji tagħhom u l-kuntesti usa' li fihom jgħixu (Horwath, 2000). Dan għandu wkoll impatt fuq l-iżvilupp tal-mudelli tal-kurrikulu indirizzati lejn l-edukazzjoni tat-tfulija bikrija.

*Dan ibiddel l-enfasi tal-edukazzjoni minn waħda li tgħid lit-tfal dak li suppost ikunu jafu, għal waħda li twieġeb u tirrispondi għas-sinjurija tal-ħajja preżenti tagħhom* (Porter, 2002, p. 9).

Bħalissa, l-approċju ekoloġiku-sistematiku huwa mxerred ħafna u jista' jitqies bħala mudell ta' referenza fl-ECI. Dan jirriżulta minn bidla fl-għan tal-intervenzjoni bħala proċess kumpless li ma jistax jiġu ffukat biss fuq it-tifel/tifla, imma li hemm bżonn li jiġi kkunsidrat l-ambjent immedjat tiegħu/tagħha.

L-influenza tal-mudell ekoloġiku-sistematiku huwa evidenti wkoll fil-U.S. Head Start Programme, li għandu fil-mira tiegħu dawk it-tfal żgħar minn età tat-twelid għal waħda ta' ħames snin, flimkien mal-familji tagħhom, u li għandhom dħul baxx ħafna. Dan il-programm għandu l-għan li jħejji tfal żgħar li jkunu fi żvantaġġ kmieni biżżejjed biex ikunu suċċess fl-iskola. Il-programm għandu fondi mid-Dipartiment Federali tas-Saħħa u s-Servizzi Umani u l-għan tiegħu huwa li jinvolvi l-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi soċjali u l-ġenituri kemm dawk li huma mainstream kif ukoll dawk bi ħtiġijiet speċjali.

**Id-definizzjonijiet tal-ECI** li ġejjin ingħażlu biex jiġu ppreżentati aspetti differenti li l-approċju ekoloġiku-sistematiku ffoka fuqhom.

Guralnick (2001) jiddefenixxi l-ECI bħala sistema li għandha l-għan li tgħin mudelli ta' interazzjoni ta' familja li jippromwovu bl-aħjar mod l-iżvilupp tat-tfal. Għal Guralnick, iffukar għandu jkunu fuq it-tranżazzjonijiet ġenitur-tifel/tifla, esperjenzi tat-tifel/tifla li jkunu orkestrati mill-familja u fuq l-għajnuna pprovduta lill-ġenituri biex jiġu mmassimizzati s-saħħa u s-sigurtà tat-tifel/tifla.

Għal Shonkoff & Meisels (2000), l-ECI tikkonsisti minn servizzi multidixxiplinarji pprovduti lit-tfal mit-twelid sakemm ikollhom ħames snin. L-obbjettivi huma: li jiġu promossi s-saħħa u l-istat tajjeb tat-

tifel/tifla; jittejbu l-kompetenzi emerġenti; jiġu mnaqqsa ċ-ċansijiet li wieħed jibqa' lura fl-iżvilupp (*developmental delays*); jiġu rrimedjati diżabilitajiet eżistenti jew li jkunu qed jitfaċċaw; jevitaw deterjorazzjoni funzjonali; jippromwovu ġenituraġġ li jkun kapaċi jaddatta ruħu (*adaptive parenting*) u fl-istess ħin jaraw li l-familja tkun qiegħda tiffunzjona bħala unità sħiħa.

Blackman (2003) iqis li '*l-għan tal-intervenzjoni fit-*[tfulija] *bikrija huwa li ma tħallix jew tnaqqas kemm jista' jkun il-limitazzjonijiet tar-riżorsi fiżiċi, konoxxittivi u emozzjonali tat-tfal li jkollhom fatturi ta' riskji bioloġiċi u ambjentali* (p. 2). Dan l-awtur jenfasizza r-rwol ċentrali li għandhom il-familji bħala fattur ta' suċċess fl-intervenzjoni.

Dunst (1985) jiddefenixxi l-ECI bħala *'il-proviżjoni ta' sostenn (u riżorsi) għal familji ta' tfal żgħar minn membri ta' networks ta' sostenn soċjali formali u informali li jista' jkollu effett kemm direttament kif ukoll indirettament fuq il-funzjonament tal-ġenitur, il-familja u t-tifel/tifla nnifsu/ha* (p. 179).

Trivette, Dunst & Deal (1997) jiżviluppaw l-idea ta' ECI bħala approċju mibni fuq ir-riżorsa:

> *Prattiċi ta' żmienna ta' interventi fit-*[tfulija] *bikrija huma fil-qofol tagħhom meqjusa l-ewwel u qabel kollox bħala soluzzjonijiet f'termini ta' servizzi li għandhom jgħinu lit-tifel/tifla u l-familja. Dan ifisser li programm ta' intervent fit-*[tfulija] *ġeneralment jiddefinixxi r-relazzjonijiet mat-tfal u l-familji tagħhom f'termini ta' servizzi partikolari li l-programm joffri u ximidnaqqiet li programmi umani oħra jipprovdu (u għalhekk il-koordinazzjoni tal-aġenziji bejniethom). Mod ta' dan it-tip, kif wieħed jifhem prattiċi ta' interventi ta' programm fit-* [tfulija] *bikrija, huwa mhux biss limitat imma anke jillimita għaliex ma jirnexxilux jifhem b'mod ċar l-valur tas-sorsi ta' sostenn, li huma differenti minn dawk tas-servizzi professjonali formali. F'kuntrast għal dan, approċju mibni fuq ir-riżorsa, li jkollu l-għan li jindirizza l-ħtiġijiet tat-tifel/tifla u l-familja, huwa mhux biss espansiv iżda wkoll jespandi, għaliex jiffoka fuq il-mobilizzazzjoni ta' għadd ta' għajnuniet mill-kommunità (p.73).*

Fil-qafas tal-analiżi li għamlet l-Agency, id-definizzjoni operazzjonali t'hawn taħt kienet proposta mill-grupp ta' esperti:

*L-ECI huwa ġabra ta' servizzi/proviżjonijiet għal tfal żgħar ħafna u l-familji tagħhom, li jiġu pprovduti fuq talba tagħhom fi żmien speċifiku fil-ħajja tat-tifel/tifla, u li jiġbor fih kull azzjoni li tittieħed meta tifel/tifla jkun jinħtieġ sostenn biex:*

- *Jassigura u jtejjeb l-iżvilupp personali tiegħu/tagħha;*
- *Isaħħaħ il-kompetenzi tal-familja tiegħu/tagħha, u*
- *Jippromwovi l-inklużjoni soċjali tal-familja u t-tifel/tifla.*

*Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu pprovduti fl-ambjent naturali tat-tifel/tifla, jekk jista' jkun fil-livell lokali, b'approċju li jkollu l-familja bħala l-qofol tiegħu kif ukoll b'xogħol ta' team ta' xeħta multi-dimensjonali.*

Element importanti li jidher f'definizzjonijiet differenti hija l-idea tal-**prevenzjoni** bħala parti mix-xogħol ta' intervent. Simeonsson (1994) jagħmel lista ta' tliet livelli ta' prevenzjoni u intervent fejn jagħti importanza ħafna **meta** l-azzjoni priventiva għandha tittieħed:

*L-intervent primarju* għandu l-għan li jnaqqas in-numru ta' każijiet ġodda ta' xi kundizzjoni jew problema fil-popolazzjoni li diġà jkunu magħrufa (inċidenza). Per eżempju, dan ikollu l-għan li jnaqqas każijiet ġodda billi jidentifika tfal li jkunu f'riskju. Il-privenzjoni primarja tinkludi miżuri li ma jħallux diżordnijiet jew ċirkustanzi li jistgħu jwasslu għal diżabiltà (WHO, 1980). Il-privenzjoni primarja skont Mrazek u Haggerty (1994) tirreferi għal 'intervenzjonijiet li jseħħu qabel ma tibda id-diżordni' (p. 23). Dawn l-azzjonijiet jistgħu jkunu a) *universali*, bħal miżuri ta' saħħa indirizzati lit-tfal u lill-familja kollha, eż. programmi ta' immunizzazzjoni għall-popolazzjoni kollha; b) *selettivi*, indirizzati lil popolazzjoni fissa, eż. gruppi li qegħdin f'riskju għoli ċ) *indikati* lil xi popolazzjoni eż. individwi b'riskji identifikati.

*Il-privenzjoni sekondarja* għandha l-għan li tnaqqas il-kumplikazzjonijiet assoċjati ma' kundizzjoni jew problema identifikata, li tillimita jew li tnaqqas l-effetti ta' diżordni jew diżabiltà billi tibda taħdem mal-bidu tal-problema, imma qabel din tkun żviluppat għal kollox (prevalenza).

*Il-privenzjoni terzjarja* għandha l-għan li tnaqqas il-kumplikazzjonijiet assoċjati ma' problema jew kundizzjoni identifikati, biex tnaqqas l-effetti tad-diżordni jew id-diżabiltà billi tieħu l-passi meta dawn ikunu diġà preżenti.

Dawn it-tliet livelli jistgħu jiġu identifikati f'kuntest usa', billi jagħtu każ il-mudell 'bio-psiko-soċjali' tal-funzjonament u d-diżabiltà ppubblikat mill-WHO (World Health Organisation, ICF, 2001). Skont dan l-approċju, il-privenzjoni fil-qasam tal-ECI ma tistax tagħti każ biss tal-kundizzjoni tas-saħħa tal-individwu; trid tagħti każ ukoll tal-ambjent soċjali tiegħu/tagħha:

> … *il-funzjonament ta' individwu f'dominju speċifiku hija interazzjoni u relazzjoni kumplessa bejn il-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-fatturi kuntestwali (ambjentali u fatturi personali). Hawnhekk wieħed isib interazzjoni dinamika bejn dawn l-entitajiet: interventi f'entità waħda għandhom l-potenzjal li jimmodifikaw wieħed jew aktar mill-entitajiet l-oħra* (p. 19).

Meta wieħed jagħti każ tal-karatteristiċi u l-prinċipji li jipprovdu l-bażi kunċettwali tal-ECI, joħorġu żewġ karatteristiċi li jagħtu karattru speċifiku lix-xogħol li għandu jsir fil-qasam rispettiv mqabbel ma' fażijiet oħra tal-edukazzjoni tat-tifel/tifla. Dawn huma *l-età bikrija* tat-tifel/tifla u l-*karattru kumpless u kompost,* fis-sens ta' mżewwaq tal-biċċa xogħol inkwistjoni.

Il-kumbinazzjoni ta' dawn iż-żewġ fatturi tinħtieġ:

- Sforz flimkien mill-professjonijiet differenti involuti;
- L-interazzjoni ta' atturi differenti li jaħdmu flimkien;
- Jinħtieġ li jkun hemm il-kollaborazzjoni tas-servizzi kollha involuti;
- Involviment u sehem tal-ġenituri (u membri oħra tal-familja).

Huwa biss jekk ikun hemm kumbinazzjoni effettiva ta' azzjoni u intervent li tassigura li jkun hemm riżultati tajbin minn kwalunkwe intervent li jindirizza lit-tfal żgħar.

Dan il-punt jiffoka l-attenzjoni b'mod ċar fuq l-**impatt** tal-ECI. Xi awturi jirreferu għall-qasam tal-ECI bħala l-approċju uniku li jipprovdi mezz effettiv biex jiġġieled kontra aktar esklużjoni soċjali u/jew edukattiva (Nicaise, 2000). Guralnick (1997) jargumenta li riċerka li saret fl-1970ijiet *'uriet kif programm tat-*[tfulija] *bikrija għal tfal mitwielda f'riskju kif ukoll għal dawk li għandhom diżabilitajiet stabbiliti' (p.xv) kien hemm iċ-ċans li jista' jsir realtà b'mod effettiv'.* Aktar riċerka, skont dan l-awtur, jinħtieġ li tiddetermina '*x'interventi*

*jaħdmu l-aħjar; għal min; taħt liema ċirkustanzi; u għal liema skopijiet'* (Guralnick, 1997, p. xvi).

Diskussjonijiet li saru waqt il-laqgħat ta' ħidma tal-proġett ECI urew li biex wieħed ikejjel l-impatt – l-effettività – ta' ECI, l-atturi kollha involuti fl-intervent iridu jagħtu każ:

- *It-tifel/tifla*: il-progress li jkun sar u l-mod kif it-tifel/tifla jħares lejh innifsu/innifisha, dejjem kull meta jkun possibbli;
- *Il-familja*: il-livell ta' sodisfazzjon tal-familja;
- *Il-professjonijiet*: il-livell ta' sodisfazzjon u kompetenza;
- *Il-komunitajiet*: il-livell ta' sodisfazzjon, benefiċċji, il-prezz, l-investiment eċċ.

Evalwazzjoni ta' dawn il-livelli kollha jinħtieġ li ssir biex wieħed jidentifika l-indikaturi kwalitattivi tas-suċċess. Ħafna drabi, evalwazzjonijiet esterni huma standardizzati wisq, jaħlu ħafna ħin, ikollhom ħafna spejjeż u jkunu ffukati wisq fuq indikaturi kwantitattivi.

Dan il-qafas kunċettwali pprovda l-bażi għal riflessjonijiet u diskussjonijiet waqt il-fażi tal-analiżi tal-proġett. Il-kapitlu li ġej jippreżenta kif servizzi u proviżjonijiet differenti tal-ECI huma organizzati f'għadd ta' pajjiżi Ewropej, kif ukoll aspetti li għandhom x'jaqsmu max-xejriet ewlenin tagħhom u l-isfidi ċari li qegħdin jaffaċċjaw dawn il-pajjiżi.

## 2. INTERVENT FIT-TFULIJA BIKRIJA: ANALIŻI TAL-PROĠETT

### 2.1 Servizzi pprovduti f'pajjiżi differenti

Din it-taqsima tagħti dehra fil-qosor tal-organizzazzjoni, ix-xejriet ewlenin, id-differenzi u l-isfidi li wieħed ikollu jiġi wiċċ 'mbwiċċ magħhom fis-servizzi li nsibu f'pajjiżi differenti.

L-**organizzazzjoni** tal-ECI mhijiex l-istess fil-pajjiżi differenti Ewropej involuti f'din l-analiżi. Madankollu, il-pajjiżi kollha jipprovdu servizzi/proviżjoni u sostenn li jindirizzaw lit-tfal żgħar ħafna (mit-twelid 'il quddiem), kif ukoll lill-familji tagħhom. F'xi pajjiżi Nordiċi, ngħidu aħna, infermiera mis-servizzi tas-saħħa żżur t-tfal kollha, id-dar, fuq bażi regulari għal massimu ta' sena. F'dawn iż-żjarat hija tagħti pariri u tipprovdi sostenn lill-ġenituri fuq id-dmirijiet ġodda tagħhom. Dan it-tip ta' servizz jista' jitwal għal sentejn u nofs f'każijiet fejn jiġu identifikati problemi sa mill-bidu. F'pajjiżi oħra, servizzi ta' dan it-tip minn infermiera fid-dar jista' wkoll jinkiseb, imma f'livell sekondarju, darba waħda r-riskju jkun identifikat f'tarbija tat-twelid.

Wara l-identifikazzjoni, jiġu offruti għadd ġmielu ta' servizzi. F'xi każijiet l-ECI tkun tista' tiġi pprovduta fi sptar minn *team* speċjalizzat, imma b'mod ġenerali, dan hu l-mument meta servizzi soċjali u edukattivi jiġu involuti bis-sħiħ.

Huwa diffiċli, jekk mhux impossibbli, li tgħid fil-qosor il-kumplessità tal-organizzazzjoni tas-servizzi u l-proviżjoni fil-pajjiżi differenti mingħajr ma jitħalla barra tagħrif relevanti. Għal dawk li huma interessati f'sitwazzjonijet ta' pajjiżi speċifiċi, it-tagħrif jista' jinstab fil-*web area* li qiegħda *online* tal-ECI li tinstab fil-*website* tal-Agency http://www.european-agency.org/eci/eci.html

Minkejja l-varjetà ta' servizzi, wieħed jista' jitkellem dwar xi **fatturi komuni:**

*Kif wieħed jista' jikseb dak li hemm bżonn:* Għan komuni tal-ECI huwa li jintlaħqu t-tfal u l-familji li jkollhom ħtieġa ta' sostenn kmieni. Dan l-għan huwa ta' prijorità għolja fil-pajjiżi b'popolazzjoni mxerrda jew b'ambjenti rurali iżolati. Fil-pajjiżi kollha wieħed jinnota li dejjem jittieħdu l-aħjar passi biex ħadd ma jkun fi żvantaġġ minħabba li wieħed ikun joqgħod f'xi qasam rurali jew urban. Għaldaqstant

jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex it-tfal u l-familji li japplikaw għas-sostenn jibbenefikaw mill-istess kwalità ta' servizz.

*Qrubija fis-sens ta' distanza*[1]*:* dan l-aspett jipprova jassigura li tintlaħaq l-popolazzjoni li jkollha l-ħtieġa. Għaldaqstant sar ħafna sforz biex is-servizzi jew il-proviżjoni jiġu ddeċentralizzati. Is-sostenn jingħata kemm jista' jkun qrib il-familja, kemm fil-livell lokali kif ukoll fil-livell ta' komunità. Fl-aħħar 10-20 sena, sar titjib biex wieħed jgħin lill-familji biex ma jkollhomx għalfejn jivvjaġġaw għal-laqgħat. Dan qiegħed isir billi s-servizzi ma jingħatawx f'distanzi kbar 'il bogħod mid-djar, iżda fid-djar tagħhom jew fil-komunitajiet. Barra minn hekk, it-terminu qrubija fis-sens ta' distanza, jintqies ukoll bħala servizzi pprovduti li jkunu ffukati fuq il-familja. Fiċ-ċentru ta' kull azzjoni li tittieħed ikun hemm għarfien ċar u rispett għall-ħtiġijiet tal-familja.

*Kemm wieħed jaffordja li jikseb dak li jkollu bżonn:* is-servizzi huma offruti mingħajr ħlas jew bi prezz minimu lill-familji fil-pajjiżi kollha[2]. Is-servizzi huma pprovduti permezz ta' fondi pubbliċi minn awtoritajiet tas-saħħa, soċjali jew edukattivi, jew permezz ta' kumpaniji tas-sigurtà u assoċjazzjonijiet li l-iskop tagħhom mhuwiex li jagħmlu profitt. Dawn l-għażliet varji jistgħu jitħaddmu flimkien filwaqt li jista' jkun hemm għażliet oħra. Barra minn hekk, insibu numru żgħir ta' pajjiżi li fihom wieħed jista' jkollu l-għażla ta' servizzi privati, li ma jkunux sostnuti minn fondi pubbliċi jew imħallsa kollha fit-totalità tagħhom mill-familji konċernati.

*Xogħol interdixxiplinarju:* il-professjonijiet li jkollhom f'idejhom is-sostenn dirett tat-tfal żgħar u l-familji tagħhom ikunu ġejjin minn dixxiplini differenti, u għaldaqstant ikollhom ambjenti differenti, dejjem skont il-professjonijiet speċifiċi li jkunu. Xogħol interdixxiplinarju jgħin fil-bdil tal-informazzjoni fost il-membri tat-*team.*

*Diversità ta' servizzi*: din ix-xejra hija marbuta mill-qrib mad-diversità ta' dixxiplini involuti fl-ECI. L-użu tat-tliet servizzi, jiġifieri tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-edukazzjoni, huwa karatteristika komuni f'ħafna pajjiżi, imma fl-istess ħin huwa wkoll wieħed mid-differenzi ewlenin li nsibu. L-aktar fattur komprensiv tar-rwol li jagħmlu s-servizzi huwa pprovdut permezz ta' klassifikazzjoni ta' livelli ta' prevenzjoni ta'

---

[1] Il-kelma *qrubija* - fit-test għandha żewġ tifsiriet: qrib post jew qrib persuna.
[2] Din tinvolvi kemm servizzi pubbliċi kif ukoll privati li jkollhom fondi pubbliċi.

saħħa pubblika, kif deskritti f'kapitlu wieħed (għal eżempji ara Mrazek & Haggerty, 1994; Simeonsson, 1994). Il-prevenzjoni primarja tiġbor fiha azzjonijiet li l-għan tagħhom huwa li jnaqqsu d- 'diżordnijiet' jew problemi fil-popolazzjoni. Il-prevenzjoni sekondarja għandha l-għan li tnaqqas in-numru ta' każijiet eżistenti ta' problema identifikata. Il-prevenzjoni terzjarja tiffoka fuq it-tnaqqis tal-kumplikazzjonijiet li jkun hemm minn problema identifikata jew diżordni. Il-prevenzjoni primarja bħala regola hija assigurata mis-servizzi tas-saħħa, kif ukoll bis-servizzi soċjali u edukattivi fil-pajjiżi kollha. F'xi każijiet, din titwettaq permezz ta' monitoraġġ mediku u soċjali ta' nisa tqal, li jsir b'mod regolari; jew permezz ta' *screening* tal-iżvilupp ta' tfal żgħar, ħafna fi sptarijiet jew fiċ-ċentri lokali tas-saħħa u l-edukazzjoni. Dawn is-servizzi jassiguraw li jsir l-ewwel *screening* ġenerali, li jkun segwit minn assessjar tal-ħtiġijiet u li jkollhom f'moħħhom dik il-popolazzjoni b'fatturi ta' riskji bijoloġiċi jew li jippreżentaw fatturi ta' riskji soċjali. Dan hu l-ewwel pass biex wieħed jiġi referut għal aktar servizzi jew professjonijiet tas-saħħa f'każ li tiġi identifikata xi ħtieġa.

**Id-differenzi u l-isfidi** li nsibu f'pajjiżi differenti jidhru li huma relatati mal-proviżjoni ta' servizzi ta' ECI. Hawn taħt wieħed isib deskrizzjoni fil-qosor tad-differenzi ewlenin u l-isfidi inkwistjoni. Dawn huma miġbura madwar erba' mistoqsijiet:

*1. Meta ssir l-ECI?*

Din il-mistoqsija hija direttament relatata mad-detezzjoni bikrija, l-assessjar u r-*referral*, fi kliem ieħor li wieħed jiskopri, jagħmel eżami u jirreferi lil dak li jkun lil min jista' jieħu azzjoni. Kif għedna aktar 'il fuq, fil-pajjiżi kollha involuti fil-proġett, is-servizzi tas-saħħa huma l-istruttura ewlenija responsabbli għal dawn it-tliet passi li flimkien isawru l-prevenzjoni primarja. Fl-istess ħin, madanakollu, jiġu involuti servizzi soċjali u edukattivi wkoll. Il-pajjiżi kollha jaqblu fuq l-importanza li jittieħdu passi kemm jista' jkun malajr u li jiġi assigurat proċess kontinwu. Id-diffikultajiet joħorġu meta jkun hemm żmien wisq bejn meta wieħed jagħraf li hemm problema, jassessjaha u jirreferiha. Dawn id-differenzi huma riżultat ta' ħafna raġunijiet: detezzjoni fit-tard ta' każijiet ta' problemi soċjali jew psikoloġiċi; xi problemi jistgħu jkunu aktar diffiċli biex wieħed jagħraf li jeżistu permezz ta' monitoraġġ mediku; jew nuqqas ta' koordinazzjoni fost is-servizzi li jkun hemm għad-dispożizzjoni u/jew teamijiet. Anke jekk ikun hemm progress kbir, dejjem ikun hemm it-tendenza li wieħed jadotta *policy* ta' 'stenna u naraw' lejn problemi li jkunu inqas viżibbli

– li fil-biċċa l-kbira tagħhom ikunu ta’ xeħta soċjali u psikoloġika – li jista’ jkollhom konsegwenzi aktar tard.

*2. Għal kemm iddum l-ECI?*

Kuntrarjament għall-każ tal-Amerika ta’ Fuq fejn l-ECI nsibuha mit-twelid sakemm wieħed ikollu tliet sin, fil-pajjiżi Ewropej it-tul tal-intervenzjoni tvarja. Bħala prinċipju, is-sostenn huwa pprovdut lil tifel/tifla u lill-familja tiegħu/tagħha sakemm it-tifel jidħol fis-sistema tal-iskola u jkunu taħt ir-responsabiltà sħiħa tas-servizzi tas-sostenn tal-edukazzjoni. F’xi pajjiżi, dan ifisser il-bidu tal-edukazzjoni obbligatorja. Madankollu, jidher li m’hemm l-ebda strateġija ċara dwar din il-fażi ta’ tranżizzjoni u għaldaqstant professjonisti minn teamijiet ta’ ECI jħossu li għandhom imorru lil hinn mid-dmirijiet tagħhom tas-soltu biex jikkumpensaw għan-nuqqas ta’ koordinazzjoni jew l-aċċess għar-riżorsi.

*3. Min għandu r-responsabiltà?*

F’pajjiżi Ewropej differenti wieħed isib numru sinifikanti ta’ tipi ta’ proviżjoni u ambjenti. Id-diversità tista’ tidher bħala vantaġġ mill-aspett ta’ suq; aktar ma l-familji jkollhom opzjonijiet, aktar ikollhom ċans tal-aħjar għażliet u deċiżjonijiet. Madankollu, din ma tidhirx li għandha x’taqsam mar-realtà; xi familji f’ħafna każi jsibuha diffiċli biex jidentifikaw it-triq it-tajba għat-tifel/tifla tagħhom; mhux dejjem faċli li wieħed isib tagħrif indirizzat lejn il-ġenituri li jkun ta’ xeħta varjata u minn perspettivi differenti. Il-fatt, li wieħed isib għadd sinifikanti ta’ tipi ta’ proviżjoni, huwa turija ċara ta’ nuqqas ta’ *policy* ippjanta, u għalhekk ta’ deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu bħala reazzjoni għas-sitwazzjoni kif tkun fil-mument li jkun, u mhux ta’ xi ħaġa fit-tul.

Fil-pajjiżi kollha involuti fil-proġett wieħed jista’ jsib ċentri tal-ECI, għalkemm b’xi differenzi. L-eċċezzjoni hija dik tal-pajjiżi Nordiċi fejn is-servizzi edukattivi, soċjali u tas-saħħa jaqsmu bejniethom proċess ta’ ECI fil-livell lokali.

Karatteristika komuni li ġiet identifikata minn pajjiżi differenti, hija l-ħtieġa li wieħed jadatta ħidmiet u ppjanar ta’ xogħol skont il-ħtiġijiet u x-xewqat tal-familja, kull fejn jiġu allokati servizzi jew proviżjonijiet. Il-professjonisti jaħdmu ‘mal- u fil-’ familja, kemm ikun possibbli u kemm tkun trid il-familja. Madankollu, huma jaħdmu wkoll, jekk ikun hemm il-bżonn, f’ambjenti edukattivi li t-tifel/tifla jista’ jattendi (ċentri

ta' għajnuna ta' matul il-jum – *day care centres*), kindergarten, eċċ.) jew f'ċentri speċjali, ċentru/servizz tal-ECI jew xi forma oħra ta' struttura.

*4. X'għandu jsir?*
Dan l-aspett huwa deskritt f'aktar dettall fit-taqsima li jmiss. Madanakollu, qabel nidħlu aktar fil-fond tas-suġġett, wieħed irid jinnota li f'għadd ta' pajjiżi Ewropej, hemm qasma/dikotomija kbira bejn l-approċju mediku u dak soċjali fejn jidħol l-intervent ma' tfal żgħar.

## 2.2 Aspetti ewlenin

Il-laqgħat tax-xogħol, organizzati matul iż-żmien li fih ikun qiegħed isir il-proġett ipprovda opportunità biex jiġu diskussi numru ta' aspetti relevanti fil-qasam tal-ECI:
*Il-gruppi fil-mira:* it-tip ta' popolazzjoni rreferuta għat-teamijiet tal-ECI u/jew is-servizzi; it-tibdiliet evidenti fl-aħħar ftit snin dwar l-età u l-karatteristiċi tat-tfal; u l-kundizzjonijiet li fihom tingħata u tiġi rċevuta l-ECI;
*Ħidma f'team:* il-professjonisti involuti fl-ECI, ir-rwoli u r-responsabilitajiet u l-parteċipazzjoni partikolari fis-servizzi edukattivi;
*It-taħriġ tal-professjonijiet:* taħriġ inizjali u aktar fit-tul segwit minn professjonijiet tal-ECI;
*Għodod ta' ħidma:* l-iżvilupp ta' pjan ta' sostenn ta' familja individwali jew ta' dokument ekwivalenti jew *follow-up.*

Ta' min jgħid li m'hemm l-ebda aspett wieħed separat li jiffoka fuq l-involviment tal-ġenituri, għaliex ħafna jsostnu li l-involviment attiv tal-ġenituri huwa kundizzjoni essenzjali ta' ħtieġa kbira, f'kull aspett ewlieni tal-proċess tal-ECI. Il-ġenituri għandhom jaġixxu fil-livell ta' sieħba, flimkien mal-professjonisti, biex b'hekk isaħħu lil xulxin. B'dan il-mod, permezz tal-kompetenza u l-awtonomija tagħhom, flimkien ma' dik tal-professjonisti jkunu f'qagħda li jwieġbu għall-ħtiġijiet tat-tifel/tifla. Anke jekk l-iffukar ewlieni jkun fuq il-ġenituri, ir-rwol importanti u s-sostenn ipprovdut mill-membri l-oħra tal-familja għandu jingħata l-importanza tiegħu. Ir-riżultati ewlenin tad-diskussjonijiet li saru matul il-proġett huma ppreżentati hawn taħt fid-dawl ta' dak li għadna kif għedna.

### *2.2.1 Gruppi fil-Mira*

Inżammu diskussjonijiet dwar it-tip ta' popolazzjoni li ġiet referuta lit-teamijiet jew is-servizzi tal-ECI: tfal li kellhom fatturi ta' riskju bijoloġiku u/jew soċjali kif ukoll il-familji tagħhom. Dawn li ġejjin huma l-punti ewlenin li tqajmu mill-esperti.

*Numru dejjem akbar ta' tfal qegħdin ikollhom problemi psikoloġiċi u soċjo-emozzjonali,* mingħajr l-ebda evidenza jekk din hijiex riżultat ta' proporzjon akbar ta' dawn il-problemi fil-popolazzjoni, jew minħabba bidla fil-fatt li l-ġenituri qegħdin isiru aktar konxji ta' dawn il-problemi. Xi ġenituri jistgħu jkunu aktar anzjużi, informati aħjar u aktar sensittivi għall-iżvilupp ta' wliedhom milli kienu fil-passat u minħabba f'hekk, ikollhom aktar xewqa li jistaqsu għall-għajnuna u s-sostenn.

Fi żmienna wieħed isib *iffukar dejjem jiżdied fuq il-popolazzjoni 'f'riskju'* fl-aktar sens wiesa' tal-kelma, u dawn jitqiesu bħala li jkollhom bżonn l-ECI. F'ħafna mill-pajjiżi involuti fil-proġett, tifel/tifla jeħtieġ li jkollu problema li tiġi assessjata biex jirċievi sostenn tal-ECI. Li inti tkun meqjus bħala 'f'riskju' mhuwiex biżżejjed biex tingħata l-ECI. Azzjoni preventiva, indirizzata lill-poplazzjoni 'f'riskju' huwa x-xogħol ewlieni ta' servizzi oħra. Dawn jinħtieġu jew li jassiguraw monitoraġġ u *follow-up* tat-tifel/tifla (fil-biċċa l-kbira tiegħu fil-każ ta' fatturi ta' riskji bijoloġiċi) jew li jagħtu attenzjoni attiva lill-familja (fejn jidħlu l-aktar il-fatturi ta' riskju soċjali). F'ħafna każijiet, għoti ta' pariri - *counselling* effettiv tal-ġenituri jwassal biex ma jkunx hemm ħtieġa ta' aktar intervent. Il-fatturi tar-riskju waħedhom m'humiex kundizzjoni għall-ECI jekk miżuri protettivi huma preżenti u qegħdin jaħdmu favur it-tifel u l-familja. Ir-rwol diffiċli li għandhom is-servizzi ta' prevenzjoni għandu jiġi enfasizzat: ix-xogħol ta' dawn is-servizzi hu li wieħed jirnexxilu li jevita aktar diffikultajiet (li mhijiex faċli) u jkun konxju tar-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-attitudnijiet ta' 'stenna u ara'.

F'xi pajjiżi wieħed jaħsel jibda jitħasseb minħabba li huma l-ġenituri li jridu jitolbu u jaqblu li tingħata l-għajnuna biex wieħed ikun jista' jintervjeni. Dan l-aktar minħabba l-fatt li dawn id-drittijiet jitqiesu bħala kundizzjonijiet assoluti u indispensabbli. Is-sitwazzjoni li fiha wieħed irid jirrispetta d-deċiżjonijiet tal-ġenituri tista' twassal biex ikun hemm riskju li jiġu esklużi tfal li jkollhom bżonn l-għajnuna, jew li l-intervent jdum ma jibda u minħabba f'hekk wieħed jitlef jew li jikkoordina b'mod ħażin il-prevenzjoni, it-tagħrif u l-fażijiet li fihom isiru r-riferimenti.

*2.2.2 Xogħol f'team*

Il-punt tat-tluq tad-diskussjonijiet tal-proġett tal-ECI ffoka fuq l-involviment dejjem jiżdied tas-servizzi tal-edukazzjoni fil-qasam tal-ECI, dwar dak li għandu x'jaqsam mal-kompożizzjoni tat-*team* kif ukoll dwar l-organizzazzjoni.

Is-sitwazzjoni fil-pajjiżi fejn jidħlu l-organizzazzjoni tas-servizzi – kif irreferejna għaliha fl-ewwel parti tal-kapitlu – hija differenti mhux ħażin. Minkejja dan wieħed isib li hemm approċju interdixxiplinarju kemm fil-mudelli mediċi kif ukoll fil-mudelli soċjali tal-ECI. Is-servizzi u l-proviżjoni jvarjaw minn sempliċiment 'tqegħid ħdejn xulxin' ta' professjonisti, għal xogħol f'*team* reali, kif jidher ċar f'approċji hekk magħrufa bħala ekoloġiċi-sistematiċi tal-ECI.

Li wieħed jibni fuq xogħol ta' *team* ta' veru mhuwiex xi biċċa xogħol ħafifa. Din tinħtieġ żewġ komponenti ewlenin; xogħol interdixxiplinarju u kooperazzjoni. Kif definit minn Golin & Ducanis (1981), *team* multidixxiplinarju jaqsam u jikkoordina l-informazzjoni. Ix-xogħlijiet speċifiċi jsiru individwalment, skont l-ħiliet tal-membri tat-*team*. L-informazzjoni hija maqsuma bejniethom u użata biex kull membru jkun jista' jagħmel il-biċċa xogħol tiegħu (Golin & Ducanis, op cit). Id-deċiżjonijiet jittieħdu minn *team* sħiħ, billi jagħtu każ tal-opinjonijiet individwali. In-numru ta' professjonisti f'*team* mhijiex kruċjali. Din għandha tiddependi fuq il-ħtiġijiet tat-tifel/tifla u l-familja.

Il-kooperazzjoni tfisser, l-ewwel u qabel kollox, ħidma mal-familja bħala sieħeb ewlieni li huwa involut bis-sħiħ fil-proċess kollu. Tfisser ukoll li wieħed jaħdem ma' membri oħra tat-*team* u ma' servizzi jew *networks* minn servizzi tas-saħħa, edukattivi u soċjali. Timplika wkoll li wieħed jaqsam il-kunċetti u r-referenzi teoretiċi kif ukoll li juru attitudni miftuħa u li tirrispetta lil dak li jkun lejn il-familji u l-kollegi.

Il-ħin huwa komponent importanti biex wieħed jirnexxilu jpoġġi dawn iż-żewġ komponenti f'posthom. Membri tat-*team* għandhom bżonn jaqsmu bejniethom il-prinċipji tagħhom u l-obbjettivi biex jassiguraw koordinazzjoni fi ħdan it-*team*, kif ukoll ma' servizzi esterni. Żewġ elementi jidhru li jiffavorixxu l-proċess ta' bini ta' *team*; in-nominazzjoni ta' persuna ewlenija li sservi ta' '*case-holder*' u ta' taħriġ ta' aġġornament, kif deskritt hawn taħt.

*2.2.3 Taħriġ tal-professjonisti*

Meta wieħed iżomm f'moħħu li l-professjonisti involuti fl-ECI jiġu minn ambjenti differenti u jista' jagħti l-fatt li dawn qatt ma jkunu ħadmu flimkien, huwa essenzjali li jkunu ċari bejniethom dwar x'tip ta' taħriġ ikunu jinħtieġu biex ikunu jistgħu jikkooperaw bejniethom. Matul id-diskussjonijiet tal-proġett inġibdet l-attenzjoni għall-fatt li wieħed għandu jagħti attenzjoni speċjali lil għażliet ta' taħriġ differenti offruti lill-professjonijiet fil-modi li ġejjin.

*Taħriġ inizjali*: it-taħriġ ta' professjonisti differenti minn ambjenti differenti għandu jkollu l-għan li jiżviluppa fehim maqbul tal-kunċetti komuni, biex b'hekk il-professjonisti tal-ECI jikkumplimentaw l-għerf ta' kull wieħed u waħda minnhom. Il-prerekwiżiti għall-professjonisti huwa li jirċievu taħriġ inizjali tajjeb fl-oqsma rispettivi tagħhom. Minkejja l-fatt li xi tip ta' għarfien speċjalizzat fuq l-ECI huwa dejjem ta' vantaġġ, dan rari huwa l-każ, u dan jgħodd għall-pajjiżi kollha involuti. L-eċċezzjonijiet huma l-Olanda, il-Ġermanja u l-Lussemburgu, fejn aspetti speċjali li għandhom x'jaqsmu mal-ECI huma inklużi fit-taħriġ inizjali li jingħata lil psikologi, pedagogi, kif ukoll edukaturi soċjali u ta' xi speċjalizzazzjoni.

*Aktar taħriġ*: Anke jekk ix-xogħol fil-qasam tal-ECI huma pjuttost kumpless, m'hemm l-ebda ħtieġa ċara li għandu jkun hemm xi tip ta' professjonista li jkun joqgħod għal xi profil speċifiku biex jaħdem f'dan il-qasam. Din tmur kontra prinċipji ewlenin tal-ECI fosthom dawk li jiġi adottat approċju interdixxiplinarju, kif ukoll ta' xogħol f'*team*. Madankollu, il-professjonisti li jaħdmu fl-ECI jridu jsegwu xi forma komuni ta' edukazzjoni ogħla biex b'hekk jiżviluppaw l-esperjenza ta' bejniethom. Din tista' tintlaħaq permezz ta' korsijiet fil-livell *post-graduate* – bħal programmi fil-livell ta' *Masters* – jew taħriġ speċjalizzat fil-forma ta' programmi differenti offruti mill-universitajiet jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, jew korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat minn universitajiet wara talbiet minn teamijiet mill-ECI.

Meta wieħed iġib quddiem għajnejh ix-xogħol li huwa mistenni li jsir mill-professjonisti, hemm bżonn li ħtiġijiet ta' taħriġ ogħla għandu jkollhom fihom dawn l-aspetti:

- Għarfien bażiku dwar l-iżvilupp ta' tfal żgħar ħafna, li jkollhom jew ma jkollhomx ħtiġijiet speċjali, kif ukoll għarfien dwar aspetti ta' intervent fil-familja u tagħrif relatat mat-teorija;

- Għarfien speċjalizzat dwar ir-riċerka riċenti fil-qasam tal-ECI, l-assessjar, il-metodi ta' xogħol, eċċ.;
- Kompetenzi personali dwar l-aspetti relatati max-xogħol mal-/ u fil-/ familji; xogħol f'*team*; kooperazzjoni bejn is-servizzi, kif ukoll l-iżvilupp ta' ħiliet personali bħalma huma r-riflessjoni fik innifsek; il-ħiliet komunikattivi u l-istrateġiji ta' kif insolvu l-problemi.

*Taħriġ ta' Aġġornament – In-Service Training (IST):* IST huwa kruċjali f'dan il-qasam għaliex jgħin biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fit-taħriġ inizjali u jwassal għall-ħtiġijiet professjonali. Huwa organizzat fit-, u mit-teamijiet, fil-qafas ta' laqgħat ta' kull ġimgħa, li jagħtu ċ-ċans lill-professjonisti li:

- Jorganizzaw diskussjonijiet dwar 'każijiet' speċifiċi;
- Jaqsmu bejniethom għerf u strateġiji ta' xogħol;
- Jiksbu għerf speċifiku pprovdut minn professjonisti esterni;
- Jiddiskutu t-tmexxija internament jew ma' esperti barranin;
- Jassiguraw superviżjoni minn barra;
- Jiżviluppaw kompetenzi personali.

Dawn l-elementi kollha għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tas-servizz u x-xogħol f'*team*. Anke jekk din l-IST 'informali' tilħaq il-ħtiġijiet immedjati tal-professjonisti – u għalhekk tipprova il-valur tagħha – hija tippreżenta wkoll xi tipi ta' żvantaġġi. Ħafna drabi din ma tintqiesx mill-awtoritajiet bħala ħin ta' xogħol u ta' valur għaliex din tiffoka fuq problemi ta' kuljum u inqas fuq riflessjonijiet wiesgħa dwar obbjettivi tal-ECI, strateġiji, metodi, eċċ. Din tista' twassal biex ir-responsabiltà tal-inizjattivi tal-IST tkun biss fuq it-teamijiet individwali.

Aktar tagħrif fuq it-taħriġ u korsijiet *post-graduate* f'pajjiżi differenti wieħed jista' jsibhom *online* fl-*web area* tal-ECI http://www.european-agency.org/eci/eci.html

*2.2.4 Għodod ta' Ħidma*

F'dak li għandhom x'jaqsmu l-għodod tal-ħidma, ġew diskussi żewġ oqsma: l-assessjar u t-tħejjija ta' pjanijiet individwali.

**L-assessjar** jinħtieġ li jkun proċess-orjentat. Dan isir hekk kif wieħed jagħraf li hemm problema u jiddetermina t-tip neċessarju ta' intervenzjoni b'mod dinamiku, flimkien mal-familja skont din l-iskema:




Id-dijanjożi hija parti mill-proċess tal-assessjar u bħala regola ssir fil-bidu tal-proċess tal-ECI. L-assessjar jagħfas il-qagħda tat-tifel/tifla u l-familja *f'mument speċifiku ta' żmien* biex b'hekk jinstabu kemm dawk il-ħwejjeġ li t-tifel/tifla jkun jinħtieġ kif ukoll l-aspetti b'saħħithom tiegħu/tagħha. Minħabba li din il-qagħda tista' tinbidel, l-assessjar irid ikun il-ħin kollu studjat. Ir-riżultati tal-assessjar ma jridx jidher bħala statiku jew permanenti – dawn jistgħu jaffettwaw l-aspettazzjonijiet jew il-perċezzjonijiet tal-professjonisti u l-familji. Huwa dejjem ta' għajnuna li wieħed jifformula l-għanijiet; li jippjana u li jiddetermina t-tipi ta' interventi meħtieġa u li mbagħad jiġu evalwati aktar tard. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni jew jikkonkludu l-proċess, jew ikunu jinħtieġu proċedimenti għal fażi ġdida ta' assessjar ta' ħtiġijiet. Huwa importanti li ssir enfasi fuq l-ħtieġa ewlenija tas-sehem tal-familji, li għandhom rwol attiv fil-proċess kollu.

Huwa importani wkoll li jiġi assigurat li l-passi tal-proċess isiru kollha. Guralnick (2001) jidentifika l-assessjar – *assessjar komprensiv u interdixxiplinarju* – bħala aspett ewlieni fil-mudell tas-sistema tal-iżvilupp, mudell li jgħin lill-professjonisti jiksbu t-tagħrif dwar it-tfal ssuspettati jew bi problemi diġà magħrufa. B'hekk ikunu jistgħu jgħinu fil-ħolqien ta' pjanijiet u rakkomandazzjonijiet. Guralnick jagħti parir lill-professjonisti biex f'każ ta' bżonn, jipproċedu minnufih b'ECI preliminarju, anke qabel ma t-tagħrif tal-assessjar ikun inġabar kollu.

L-assessjar huwa fażi essenzjali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-ġenituri u l-professjonisti li tkun stabbilita permezz ta' pjanijiet individwali jew **Pjan ta' Servizz għal Kull Familja Individwali *(Individual Family Service Plan – IFSP)*.**

Insibu diversi pjanijiet fil-pajjiżi involuti fil-proġett, għalkemm mhux dejjem magħrufa bl-istess isem. F'xi każi, Pjan għall-Familja jiġi żviluppat flimkien mal-familja bħala forma ta' 'kuntratt maqbul' li jiġbor fih dak li jrid jsir u li jiġi evalwat aktar tard. F'każijiet oħra jinħadmu pjanijiet differenti, flimkien mal-familja, dejjem skont is-servizzi involuti. F'xenarji oħra, ma ssibx pjanijiet formali, imma l-familja tkun l-ħin kollu mgħarrfa mit-*team* tal-professjonisti. F'xi ambjenti, il-pjan jiffoka l-aktar fuq it-tifel/tifla aktar milli l-familja.

Jissejjaħ x'jissejjaħ, pjan indirizzat u żviluppat flimkien mal-familji huwa kruċjali bħala garanzija għall-familja f'dik li hija parteċipazzjoni, awtorizzazzjoni (*empowerment*), kif ukoll rispett tal-ħtiġijiet, prijoritajiet u aspettazzjonijiet tal-istess familja.

Il-fatt li l-ECI f'ħafna pajjiżi Ewropej la jsir dejjem bl-istess mod u lanqas ma jtul l-istess żmien, jintqies bħala mod pożittiv għal skop ta' flessibiltà fit-tħejjija ta' dokument ta' dan it-tip. L-ECI mhuwiex dejjem legalment kostrett. Wieħed jista' jaddatta skont is-sitwazzjoni u s-servizzi li jsostnu lit-tifel/tifla u lill-familja. Hawnhekk huwa importanti li ngħidu li l-familja għandha tippossjedi dokument ta' dan it-tip. Dan jgħin biex tiġi assigurata l-kunfidenzjalità tat-tagħrif, tiġi evitata r-repetizzjoni ta' dokumenti bħal xulxin prodotti tal-istess servizzi bla bżonn, u jifranka l-ħin lill-familji u lit-tfal.

Dokument bħal dan jgħin ukoll it-tranżizzjoni minn forma ta' proviżjoni għal oħra, fil-qofol tagħha fl-ambjent tal-iskola. Meta tifel/tifla jidħol fis-sistema tal-iskola, Pjan ta' Familja jiġi segwit minn Pjan Individwali Edukattiv, li jkun jiċċentra fuq it-tifel/tifla u l-ħtiġijiet inkwistjoni. L-elementi kollha ppreżentati f'dan il-kapitlu issa se jiġu illustrati permezz ta' tliet sitwazzjonijiet tal-ECI, bit-taqsira t'hawn taħt.

## 2.3 Tliet eżempji speċifiċi ta' ECI

F'din it-taqsima se nagħtu eżempji ta' ECI minn **Munich**, **Coimbra** u **Västerås**. Żjajjar f'dawn it-tliet lokalitajiet, tibdil ta' tagħrif, u diskussjonijiet bil-miftuħ ma' professjonisti tal-post kif ukoll kif ma' omm f'Västerås, għenuna biex niddiskutu fil-fond biex l-ECI, u fl-istess ħin naraw il-prinċipji teoretiċi jitwettqu fil-prattika.

Qegħdin inġibu dawn it-taqsiriet fl-interess li jista' jkollhom għal professjonijiet oħra, bil-għan li jqabbluhom mal-prattika tagħhom u għal skop ta' riflessjoni. Dawn ir-riflessjonijiet bl-ebda mod

m'għandhom jintqiesu bħala forom ta' evalwazzjoni jew ġudizzju dwar l-aħjar prattiċi. Dan mhuwiex fl-ispirtu ta' dan id-dokument. Aktar 'l isfel, se nagħtu tagħrif ġenerali tas-sistemi tal-ECI fil-pajjiżi li fihom saru ż-żjajjar – il-Ġermanja, il-Portugal u l-Isvezja – segwiti minn deskrizzjonijiet tax-xejriet ewlenin tal-intervent fit-tliet lokalitajiet. Fl-aħħar tat-taqsima jiġu identifikati aspetti simili u oħrajn differenti.

### *2.3.1 Xejriet ewlenin*

L-informazzjoni ppreżentata fit-taqsimiet t'hawn taħt, ittieħdet mix-xogħol ta' riċerkaturi ewlenin, minn kull wieħed mill-pajjiżi. It-test miktub korsiv jindika r-referenzi diretti mix-xogħol ippubblikat, filwaqt li t-test l-ieħor kollu jrid jinqara bħala astrazzjoni tax-xogħol tar-riċerkatur innifsu.

L-informazzjoni li għandha x'taqsam ma' Munich, il-Ġermanja ittieħdet minn Franz Peterander (2003); għal Coimbra, il-Portugal, l-informazzjoni ttieħdet minn Bairrão, Felgueiras u Chaves de Almeida (1999) u Felgueiras and Breia (2004); l-informazzjoni marbuta ma' Västerås, l-Isvezja ttieħdet minn Björck-Akesson u Granlund (2003).

**Munich (Il-Ġermanja)**

Aktar minn 1000 istituzzjoni fil-Ġermnja joffru ECI lil tfal b'diżabilità. Dawn iċ-ċentri tal-ECI huma fil-biċċa l-kbira tagħhom immexxija minn karitajiet nazzjonali ewlenin, fosthom il-Caritas, Diakonie, Paritätischer Wohlfahrtsverband u Lebenshilfe. Is-sistema tal-intervent fit-tfulija bikrija tvarja minn stat federali għal ieħor. Huma għandhom strutturi, sistemi ta' ffinanzjar kif ukoll faċilitajiet differenti minn xulxin. Is-sistema tinkludi ċentri ta' ECI interdixxiplinarji, ċentri soċjo-paedjatriċi, kindergartens speċjali, ċentri 'heilpedagoġiċi', ċentri edukattivi u ta' *counselling* għall-familja. Fl-1973, ir-rapport tal-Identifikazzjoni Bikrija u l-Intervent Bikri għal Tfal b'Diżabilità prodott minn Otto Speck wara talba mill-Bord Ġermaniż tal-Edukazzjoni, ipprovda l-bażi għat-twaqqif ta' sistema komprensiva ta' intervent bikri interdixxiplinarju. Għall-ewwel dan sar il-Bavarja. Dan ir-rapport irrakkomanda ċentri ta' intervent fit-tfulija bikrija ta' xeħta interdixxiplinarja f'livell reġjonali u ċċentrat fuq il-familja.

Fil-Bavarja, 4% tat-tfal sal-età ta' 3 snin ikollhom bżonn intervent. Fis-sena 2002, kien hemm 123 ċentru reġjonali tal-ECI li pprovdew *network* stabbilit sew ta' għajnuna bikrija li setgħet tintlaħaq minn

kulħadd mingħajr tbatija; m'hemm l-ebda ċentru li huwa aktar minn 10 kilometru 'l bogħod minn kwalunwke familja. It-trattament jiġi pprovdut lil 25,000 tarbija fl-ewwel snin tal-ħajja u tfal żgħar li minnhom 50% huma f'ċentri tal-*outpatients* u 50% jirċievu intervent minn *teams* li jmorru fid-djar. It-tfal li jirċievu s-servizzi tal-ECI għandhom diżabilità varja. Terz għandhom diżabilità serja ta' xeħta fiżika u konoxxittiva. L-età medja hija bejn it-3-4 snin. Bejn wieħed u ieħor 14% (aktar minn 25 tal-ambjenti urbani) huma immigranti.

It-trattament skont il-ħtiġijiet individwali jinkludi sessjoni jew tnejn fil-ġimgħa għal sentejn. Medja ta' 11-il terapista minn oqsma differenti ta' xogħol jaħdmu l-ħin kollu mat-*team* tal-ECI. Bħala medja l-istaff jibqa' f'ċentru wieħed bejn 5 u 6 snin, li jfisser li jistgħu jinbnew teamijiet kompetenti. Ix-xogħol f'*team* huwa essenzjali għal intervent fit-tfulija bikrija li jkun ta' suċċess. Il-professjonisti kollha jikkumplimentaw lil xulxin. Kooperazzjoni ta' dan it-tip bejn l-esperti tinħtieġ li wieħed jaqsam l-opinjonijiet u l-ideat dwar kull każ individwali; ikun hemm qbil fuq l-aspetti kunċettwali bażiċi, il-valuri, l-għanijiet, l-oqsma speċjalizzati u l-aspetti organizzattivi.

*Intervent bikri fit-[tfulija] huwa offrut mingħajr ħlas u jista' jinkiseb minn kulħadd. Iċ-ċentru jirċievi fondi għall-ħtiġijiet ta' kull ġimgħa ta' sessjoni waħda jew tnejn ta' intervent, kooperazzjoni mill-ġenituri, xogħol f'team interdixxiplinarju u kollaborazzjoni ma' sieħba barra miċ-ċentru. L-intervent fit-[tfulija] bikrija huwa ffinanzjat minn korpi varji: awtoritajiet muniċipal, assigurazzjoni tas-saħħa, il-Ministeri tal-Edukazzjoni u tal-Affarijiet Soċjali tal-Bavarja…*

*… Id-dijanjożi u l-intervent għandhom l-għan ewlieni li jgħinu fil-ħtiġijiet individwali u l-ambjent tat-tfal.. Minħabba, li fl-Intervent tat-[tfulija] bikrija rajna qabża fil-paradimma, jiġifieri, minn approċju li jagħfas fuq id-defiċjenza, għal wieħed li jagħfas fuq it-tifel/tifla bħala ċ-ċentru, għal wieħed li jagħfas fuq il-familja b'mod sħiħ - m'hemmx kurrikulu wieħed li fuqu hemm qbil b'mod ġenerali. Il-bidla fil-kunċetti teoretiċi hija riflessa wkoll fil-prinċipji li nsibu fil-prattika tal-intervent fit-tfulija bikrija fil-Ġermanja. L-ispeċjalisti jibbażaw it-trattament tagħhom fuq kumbinazzjoni ta' dawn il-prinċipji u indikaturi ta' intervent bikri fit-[tfulija] li wrew li kienu suċċess. Barra minn hekk wieħed isib ukoll prinċipji u indikaturi oħra bħalma huma: ideat teoretiċi u kunċettwali (l-approċju ħolistiku, l-orjentazzjoni lejn il-*

*familja, l-intervent bikri fit-[tfulija] b'mod mobbli fuq livell reġjonali, ix-xogħol interdixxiplinarju f'team, in-networks, u l-inklużjoni soċjali) …*

*… Fil-Bavarja u f'xi Länder oħra intervenzjonisti bikrin jistgħu jduru għal 'Arbeitsstelle Frühförderung' kemm għall-konsultazzjoni kif ukoll għal xi tip jew ieħor ta' għajnuna. Il-Bavarja kienet l-ewwel stat li stabbilixxa 'Arbeitsstelle' ta' dan it-tip fl-1975, li kien fih dipartiment pedagoġiku u mediku, bil-membri tal-istaff minn professjonijiet varji li jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib ma' xulxin. L-għan komuni hu: li jespandu fuq l-għerf u l-għarfien ta' intervent bikri; jgħinu fl-iżvilupp ta' xogħol prattiku; jippromwovu bdil u diskussjoni bejn iċ-ċentri ta' intervent bikri; itejbu l-kwalità tax-xogħol u l-livell ta' interdixxiplinarità. B'dan f'moħħu l-'Arbeitsstelle' joffri għażla wiesgħa u varjata ta' taħriġ ta' aġġornament kif ukoll servizzi individwali ta' konsulenza għaċ-ċentri ta' intervent bikri fil-Bavarja* (Peterander, 2003b, p. 302).

**Coimbra (Il-Portugal)**

Sal-aħħar tal-1980ijiet fil-Portugal, it-tfal bi ħtiġijiet speċjali li kienu iżgħar minn tfal li jkunu laħqu l-età ta' skola obbligatorja kienu jiġu mħarsa primarjament mis-Servizzi tas-Saħħa u s-Sigurtà Soċjali; l-involviment tal-Ministeru tal-Edukazzjoni kien wieħed limitat.

Minkejja l-għarfien dejjem jiżdied tal-ħtieġa li jiġu żviluppati servizzi għat-tfal bi ħtiġijiet edukattivi speċjali f'età bikrija, il-livell ta' ħarsien ipprovdut kien wieħed baxx ħafna. Il-ftit inizjattivi li kien hemm kienu ffukati l-aktar fuq it-terapiji u d-dijanjożi tat-tifel/tifla, simili għall-mudell mediku li kien jintuża mat-tfal tal-età tal-iskola. Il-familji kienu jiġu pprovduti b'sostenn finanzjarju jew servizzi ta' saħħa mentali.

Fi tmiem is-snin 1980ijiet u l-bidu tal-1990ijiet rajna l-bidu ta' stadju ġdid fl-Intervent tat-Tfulija Bikrija (ECI) fil-Portugal. F'dawn iż-żminijiet bdew ħerġin fil-beraħ esperjenzi innovattivi li wieħed jieħu ħsieb tfal b'diżabilitajiet jew f'riskju. Il-*Coimbra Early Intervention Project (PIIP),* proġett li kien mibni fuq xogħol flimkien bejn is-servizzi fost is-setturi edukattivi, tas-saħħa, u tas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-*Early Intervention Portage Project* f'Lisbona, tqiesu bħala li kienu qegħdin jinfluenzaw b'mod favorevoli l-iżvilupp tal-ECI fil-pajjiż kollu. Dawn il-proġetti kellhom rwol importanti biex jipprovdu taħriġ ta' aġġornament tal-pajjiż ta' ECI lil professjonijiet differenti.

F'din il-fażi, il-*'Portage Model for Parents'* kien stadju importanti u kellu influenza pożittiva. Il-mudell *Portage* introduċa xi xejriet innovattivi; għamel popolari mudell iċċentrat fuq id-dar bis-sħubija tal-ġenituri; strateġiji ta' ppjanar ta' għanijiet kif ukoll ta' intervent individwalizzat; sistema ta' organizzazzjoni tar-riżorsi eżistenti (piramida ta' riżorsi); kolloborazzjoni interdixxiplinarja fost is-servizzi; u mudell ta' taħriġ permezz ta' aġġornamenti, kif ukoll modi kif wieħed jagħmel superviżjoni ta' viżitaturi li jmorru fid-djar.

Jista' jingħad li l-iżvilupp tal-ECI fil-Portugal kien proċess 'minn isfel għal fuq'. Dan il-proċess wassal biex dawk li kellhom il-*policy* f'idejhom, jibdew isiru aktar konxji tar-rwol tagħhom. Fil-fatt, l-azzjoni li ttieħdet minn professjonisti li kienu jaħdmu f'dan il-qasam fil-livell lokali għen fl-iżvilupp tal-ECI. Fl-istess żmien bdejna naraw inizjattivi, magħrufa bħala Proġetti Integrati għall-ECI, ħerġin mal-pajjiż kollu. L-għan ta' dan kollu kien biex isir użu aħjar mir-riżorsi skarsi li kien hemm, u biex ikun hemm aktar aċċessibiltà u użu effettiv tar-riżorsi.

Fl-istess ħin, il-Ministeru tal-Edukazzjoni beda jieħu sehem aktar fit-twettiq tal-miżuri ta' sostenn li l-għan tagħhom kien li jintlaħqu tfal b'diżabilitajiet, mit-twelid sa 6 snin. Speċifikament fl-1997 il-Ministeru tal-Edukazzjoni għamel il-mekkaniżmi, li permezz tagħhom, bdew jingħataw riżorsi u sostenn finanzjarju għall-proġetti lokali tal-ECI. Dawn kienu mibnija fuq il-kollaborazzjoni bejn is-sostenn tas-servizzi edukattivi u l-istituzzjonijiet edukattivi privati speċjali.

Fil-Portugal, it-taħriġ fl-aġġornament ipprovdut minn organizzazzjonijiet mhux-akkademiċi, kellu u għad għandu rwol ewlieni fejn jidħlu l-kwalifiki ta' professjonisti tal-ECI. Ġeneralment, dawn il-modalitajiet ta' taħriġ differenti jsiru skont perspettivi teoretiċi u prattiċi influenzati mill-mudell tal-Amerika ta' Fuq kif ukoll mil-leġiżlazzjoni relatata tal-ECI. Xi aspetti kruċjali tal-ECI għandhom l-għan li jgħinu lill-professjonisti jbiddlu minn prattika tradizzjonali għal waħda aktar effettiva u li tkun mibnija fuq l-evidenza:

- Minn mudelli li jqisu t-tifel/tifla bħala ċ-ċentru ewlieni u li jagħfsu fuq in-nuqqas/*deficit*, għal mudelli tat-tip interventiv u integrattiv li jiġu pprovduti *fil-kuntest naturali tat-tifel/tifla*;
- Minn interventi (terapiji iżolati) paralleli, frammentati u li jagħfsu fuq id-*deficit*, ipprovduti minn professjonijiet differenti – *għal xogħol f'team interdixxiplinarju, flimkien ma' kollaborazzjoni integrata bejn is-servizzi* u l-parteċipazzjoni;

- Minn mudelli ta' 'assistenza' għal mudell ta' awtorizzazzjoni – *empowerment* u prattika ċċentrata fuq il-familja, li tara l-familja bħala unità ta' intervent.

L-influenza tal-mudelli ekoloġiċi (Bronfenbrenner; 1979, 1998) u l-mudelli tranżazzjonali tal-iżvilupp (Sameroff & Chandler 1975; Sameroff & Fiese, 1990) mexxew l-organizzazzjoni tal-ECI lejn sistema ta' kollaborazzjoni bejn is-servizzi, li l-għan tagħha hu l-adozzjoni ta' programmi aktar komprensivi, fejn il-parteċipazzjoni effettiva tal-familja u tal-kommunità jkollhom rwol ewlieni.

Fl-1999, twaqqfet il-proviżjoni legali ddedikata għall-ECI (Joint Executive Regulation nr. 891/99). Din fasslet il-*'Linji Gwida li jirregolaw l-intervent bikri fit-*[tfulija] *għal tfal b'diżabilità jew li qegħdin f'riskju li jittardjaw fl-iżvilupp tagħhom kif ukoll gwida għall-familji tagħhom.'* Dan il-pass għen fl-identità u l-għarfien tal-ECI.

Il-leġiżlazzjoni tiddefenixxi l-ECI bħala miżura ta' sostenn integrat, iċċentrat fuq it-tifel/tifla u l-familja, li jsir permezz ta' azzjonijiet priventivi u ta' rijabilitazzjoni, fl-isfond tal-iskop tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-*welfare* soċjali, bil-għan li:

a) Jiġi assigurat l-iffaċilitar tal-kundizzjonijiet li jsostnu l-iżvilupp tat-tifel/tifla b'diżabilità jew f'riskju ta' ttardjar sever fl-iżvilupp;
b) Jiżdied il-potenzjal għal titjib f'dik li hija interazzjoni bejn il-familji nfushom;
c) Il-familja tingħen biex il-ħila tagħha tissaħħaħ, u fl-istess ħin tiżviluppa l-ħila u l-awtonomija tagħha, biex tkun tista' taffaċċja problemi ta' diżabilita li jiżviluppaw minn żmien għal żmien.

Għall-ewwel darba ġie mistqarr impenn politiku u tal-gvern f'dik li hija l-proviżjoni tas-servizz tal-ECI. Ġew stabbiliti t-twaqqif ta' sistema ta' riżorsi u sistema ta' proviżjoni ta' fondi; koordinazzjoni bejn is-setturi varji; kif ukoll kollaborazzjoni bejn l-istat u l-privat. Is-setturi tal-edukazzjoni, is-saħħa u s-sigurtà soċjali qasmu bejniethom ir-responsabiltà għat-twaqqif ta' *teamijiet ta' intervent dirett* fil-livell tal-pajjiż; teamijiet *ta' koordinazzjoni* fil-livell ta' distrett; u *gruppi nazzjonali interdipartimentali.*

M'hemmx dubju li fil-Portugal f'dawn l-aħħar snin l-ECI għamlet avvanzi kbar. Għaldaqstant wieħed għandu jħares 'il quddiem biex permezz ta' kollaborazzjoni bejn kull min hu involut:

- Jiżdiedu ż-żjajjar lit-tfal l-aktar fis-snin bejn 0 u 2;
- Tiġi skoperta l-problema kmieni u l-każ jiġi referut minnufih;
- Il-prattika interdixxiplinarja, li tkun iċċentrata fuq il-familja ssir aktar konsistenti;
- Jitjiebu l-kwalitajiet u l-opportunitajiet għat-taħriġ professjonali, u
- Jikber l-għarfien tal-valur tal-ECI u s-sostenablità fost dawk li jagħmlu l-*policies*, il-professjonisti u l-komunità inġenerali

Il-kwalifiki professjonali, ir-riżultati tar-riċerka u l-evalwazzjoni tal-proċessi għat-tfal u l-familji tagħhom huma aspetti importanti għall-evoluzzjoni u l-kwalità tal-ECI fil-Portugal.

**Västerås (L-Isvezja)**
Il-filosofija Svediża tat-tfulija tqis dan l-perjodu ta' żvilupp bħala uniku fil-ħajja tal-bnedmin. It-tfulija għandha l-valur tagħha u m'hijiex sempliċiment t-tħejjija għall-ħajja adulta. Għalhekk, rwol importanti għall-edukatur fit-tfulija bikrija huwa li jinħolqu possibilitajiet għat-tfal biex jilagħbu.

Il-muniċipalitajiet (289 b'kollox) huma responsabbli għas-servizzi bażiċi għan-nies kollha, inklużi dawk tal-ħarsien tat-tfal, l-iskejjel u s-servizzi soċjali. L-Isvezja hija maqsuma f'reġjunijiet b'20 *county* immexxija minn kunsilli tal-*county* li huma responsabbli għall-kura tas-saħħa u tas-snien, mingħajr ħlas, għat-tfal u ż-żgħażagħ kollha.

L-intervent fit-tfulija bikrija jista' jintqies bħala prattika ta' intervent ma' tfal bi ħtieġa ta' sostenn speċjali mit-twelid sakemm jaslu biex jidħlu l-iskola fl-età ta' 6 jew 7 snin. Is-servizzi ta' intervent huma diretti lejn it-tifel/tifla fil-kuntest tal-familja/l-ambjent fil-qrib. Kemm il-kommunitajiet kif ukoll il-kunsilli tal-*county* huma responsabbli għal intervent sa mit-tfulija bikrija fejn jintlaħqu skopijiet u gruppi differenti.

F'livell primarju ta' intervent, il-komunità għandha r-responsabiltà li tieħu ħsieb it-tfal u l-familji kollha u li tassigura li jkun hemm kundizzjonijiet aċċettabbli ta' għajxien għal kulħadd. Fil-livell sekondarju, il-komunità hija responsabbli għall-intervent fil-programmi ta' qabel l-iskola u dawk tal-għajnuna lit-tfal. Fil-livell

terzjarju, il-komunità hija responsabbli li toħloq ambjent b'saħħtu għal tfal u familji. Il-kunsill tal-*county* huwa fid-dmir li jipprovdi servizzi relatati mas-saħħa u l-aspett mediku fil-livell primarju ta' prevenzjoni u li dawn ikunu indirizzati lit-tfal u lill-familji kollha permezz tas-Servizzi tas-Saħħa tat-Tfal – *Child Health Services (CHS).* Hekk kif qegħdin naraw tibdil fil-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-iffukar tas-CHS inbidel minn wieħed li jipprovdi programmi ta' immunizzazzjoni u monitoraġġ, għal wieħed li jinkludi fih aktar xogħol dwar problemi psiko-somatiċi u soċjo-emozzjonali, u li fl-istess ħin ibiddlu r-rwoli tal-ġenituri u jagħtu s-sostenn meħtieġ lill-familji tal-immigranti.

Perspettiva mibnija fuq il-familja timplika li l-intervent isir f'sitwazzjonijiet naturali, fil-ħajja ta' kuljum. Għalhekk, intervent bikri fit-tfulija fl-Isvezja jsir, l-ewwel u qabel kollox, f'xi wieħed mill-kuntesti naturali maħsuba għal tfal żgħar; il-familja u/jew f'centri għat-tfal li jipprovdu għajnuna għalihom qabel l-iskola u li jkunu fil-kommunità. Il-kunsilli tal-kommunitajiet u tal-*county* huma involuti fil-proviżjoni ta' servizzi ta' dan it-tip. Ir-responsabiltà tal-kommunità tinkludi intervent speċjali fl-ambjent ta' qabel l-iskola kif ukoll fl-għajnuna li ssir fi ħdan il-familja, assistenza personali u *respite care* għal tfal li jiġu identifikati bħala li għandhom bżonn ta' sostenn speċjali, kif ukoll il-familji tagħhom. Il-kunsill tal-*county* huwa responsabbli biex jipprovdi servizzi lil tfal meqjusa bħala li għandhom diżabilità permezz taċ-Ċentri ta' Abilitazzjoni tat-Tfal – *Child Habilitation Centres (CHC).*

Il-filosofija uffiċjali tal-Isvezja biex tgħin lit-tfal b'diżabilità tinbena fuq perspettiva li tikkorrispondi ma' dik ta' *The International Classfication of Functioning Disability and Health (WHO, 2001).* Fl-ICF, aspetti ta' saħħa ta' individwu u fatturi li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa jintqiesu fid-dimensjonijiet marbuta mal-funzjoni u l-istrutturi tal-ġisem, l-attività, il-parteċipazzjoni u fatturi marbuta mal-ambjent.

L-ICF tista' tintuża biex tiddeskrivi l-istrutturi organizzattivi tas-servizzi pprovduti lil tfal żgħar fl-Isvezja li jkollhom ħtieġa ta' sostenn. Is-servizzi pprovduti mill-*county* tal-kunsilli huma primarjament iffukati fuq il-funzjonijiet tal-ġisem (CHS) u fuq l-attivitajiet li wieħed kapaċi jagħmel (CHC). Jekk tifel/tifla jiġi identifikat bħala li għandu problemi marbuta mal-funzjoni tal-ġisem, huwa jiġi referut għas-servizzi mediċi tat-tfal permezz tas-CHS. Hemmhekk it-tifel/tifla u l-familja jitlaqgħu ma' professjonijiet f'organizzazzjoni bbażata fuq il-mudell mediku u

ffukata fuq il-funzjonijiet tal-ġisem, eż. klinika tal-għajnejn, mediċina interna jew klinika ortopaedika. Jekk tifel/tifla jkun identifikat li mhux jiżviluppa tajjeb jew ma jkunx qiegħed jagħmel l-attivitajiet mistennija, huwa jiġi riferut għas-CHC. Is-servizzi tar-rijabilitazzjoni għandhom fil-mira tagħhom it-tfal b'diżabilità u l-familji tagħhom, kif ukoll 'djalogu ħaj' bejn dawk li jużaw is-servizzi u flimkien u l-professjonisti.

F'CHC, *team* interdixxiplinarju rrappreżentat minn xi ħadd mill-oqsma tal-mediċina, l-edukazzjoni, il-psikoloġija u l-qasam soċjali jaħdem f'kollaborazzjoni mat-tifel/tifla u l-familja. L-esperti tal-komunità ħafna drabi huma involuti biex jipprovdu servizzi lil tfal li jkollhom ħtieġa ta' sostenn speċjali. Aspett ewlieni f'dan ir-rigward huwa kif tikkoordina rakkomandazzjonijiet u servizzi minn esperti b'perspettivi differenti fuq intervent bikri li jaħdem f'sistemi differenti.

*2.3.2 Xebh u differenzi*

Informazzjoni ġenerali pprovduta minn esperti tal-pajjiż, li qassarna hawn fuq, kif ukoll diskussjonijiet ma' professjonisti mit-tliet lokalitajiet, tawna ħjiel tajjeb ta' xi xebh u differenzi f'dan ir-rigward.

*L-istess mudell teoretiku:* dawn it-tliet eżempji jibbażaw il-prattika tagħhom fuq il-prinċipji tal-mudell ekoloġiku-sistematiku u għandhom l-istess karatteristiċi:

- L-istess prinċipji japplikaw fejn għandu x'jaqsam approċju li huwa ċċentrat fuq il-familja; kunċetti li huma soċjalment orjentati; servizzi pprovduti skont il-qrubija fis-sens ta' fejn toqgħod il-familja; u x-xogħol f'*team*;
- Is-servizzi huma pprovduti mingħajr ħlas għall-familja;
- Tingħata prijorità lit-taħriġ professjonali u bl-istess mod il-membri kollha tat-*team* ikollhom taħriġ ta' aġġornament skont il-ħtiġijiet tagħhom;
- Ikun hemm livell għoli ta' impenn u kompetenza li jidhru mill-professjonaliżmu u l-perċezzjoni pożittiva tax-xogħol f'*team*;
- Ikun hemm klima pożittiva u qsim ta' obbjettivi komuni.

*Modi varji ta' twettiq:* il-mudell ekoloġiku, filwaqt li jitwettaq b'modi varji, jiddependi mill-karatteristiċi tal-pajjiż, kif jidher hawn taħt.

Iċ-Ċentru tal-ECI li huwa stabbilit sew u li għandu ħafna esperjenza fi Munich huwa meqjus bħala li huwa rappreżentattiv ta' *network* konsolidat ta' ċentri ta' ECI fil-Bavarja. Din is-sistema ta' proviżjoni ta'

ECI, permezz ta’ ‘ċentri speċjalizzati’, għandha l-għan li tistabbilixxi grupp ta’ professjonisti stabbli, u li jkollhom kwalifiki għolja, fiċ-ċentri tal-ECI u qrib fejn ikunu joqogħdu l-familji. Wieħed isib ukoll ħafna ċentri differenti, li jirċievu fondi minn dipartimenti u servizzi differenti.

Sorsi diversi ta’ fondi għal servizzi jistgħu jidhru bħala sfida, għaliex huwa importanti li wieħed jassigura li l-professjonisti jkollhom biżżejjed għarfien dwar ir-riżorsi kollha li jkun hawn. Huwa importanti wkoll li wieħed jassigura kollaborazzjoni produttiva fost dawn is-servizzi, biex b’hekk isostnu lill-familji u jipprovdu r-riżorsi neċessarji, skont il-prinċipji li nsibu fil-mudell ekoloġiku.

F’Coimbra, insibu *team ta’ proġett ikkwalifikat ħafna li jipprovdi l-ECI permezz ta’ sistema bejn l-aġenziji.* Din is-sistema hija bbażata fuq qbil u kooperazzjoni bejn dipartimenti lokali u reġjonali differenti – ta’ saħħa, is-servizzi soċjali, u l-edukazzjoni – li huma responsabbli biex jipprovdu fondi għas-servizzi permezz tal-professjonisti meħtieġa.

Din is-sistema tassigura l-użu tar-riżorsi eżistenti b’mod maħsub u effettiv l-aktar fejn jidħlu familji soċjalment żvantaġġjati. Sfida ewlenija f’dan il-qasam hija dik ta’ koordinazzjoni tajba ta’ ‘aġenziji’ differenti involuti fil-livelli kollha (lokali, reġjonali u nazzjonali). Nuqqas f’xi waħda minn dawn iwassal biex il-proviżjoni tkun waħda dgħajfa kemm professjonalment kif ukoll finanzjarjament. L-istabbilità tat-*team* hija sfida oħra għal din it-tip ta’ proviżjoni fil-Portugal.

Professjonijiet differenti miċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Komunità f’ Västerås qegħdin jgħinu mhux biss lit-tfal qabel dawn jidħlu l-iskola (minn età ta’ sena) imma anke l-ġenituri tagħhom. Din it-tip ta’ proviżjoni ‘lokali u deċentralizzata’ hija mibnija fuq sistema soċjali b’saħħitha li tipprovdi lill-familji b’benefiċċji soċjali importanti.

Din is-sistema tidher li qiegħda taħdem, u tinħass li hija bbażata fuq il-kompetenza tal-professjonijiet u l-ekonomija b’saħħitha tal-pajjiż.

Tinħass il-ħtieġa li jingħata każ ta’ xi sfidi partikolari. Dawn jirrigwardjaw il-ħtieġa ta’ koordinazzjoni u kooperazzjoni fost is-servizzi u l-professjonijiet relatati li wieħed isib fil-livell lokali kif ukoll dak tal-pajjiż b’mod ġenerali. Sfida oħra hija dik tat-taħriġ komprensiv rigward l-iżvilupp tat-tfal żgħar skont il-professjonijiet speċifiċi involuti.

Il-punt tal-aħħar li għandu x'jaqsam mat-tliet eżempji li semmejna huwa li kollha jitkellmu dwar l-impatt dejjem jikber tal-immigrazzjoni f'dik li hija proviżjoni tal-ECI. Dan għandu jintqies bħala sinjal pożittiv għaliex juri li l-professjonisti qegħdin jagħrfu kemm is-soċjetà Ewropea qiegħda tinbidel u kif dan jaffettwa l-prattika tagħhom.

## 3. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma mibnija fuq il-prinċipju li intervent fit-tfulija bikrija huwa *dritt* għat-tfal u l-familji kollha li jkunu jinħtieġu s-sostenn. Meta wieħed jagħti każ tar-riżultati mill-analiżi li ppreżentajna fil-kapitli ta' qabel, wieħed jinnota li hemm għadd ta' aspetti relevanti u, għalhekk, hemm bżonn li dawn jitwettqu bl-aħjar mod possibbli. Ir-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt għandhom l-għan li jgħinu lill-professjonisti biex isiru konxji tal-istrateġiji xierqa għat-twettiq ta' dawn l-aspetti relevanti u fl-istess ħin jevitaw problemi li jistgħu jinqalgħu biex b'hekk it-tfal u l-familji tagħhom jieħdu l-aħjar servizz. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, mibnija fuq ir-riżultati tad-diskussjonijiet li saru fil-laqgħat fuq il-proġett, huma ta' interess ukoll għal dawk li jagħmlu l-*policy*, anke jekk dawn, primarjament huma indirizzati lill-professjonisti li jaħdmu, jew jippjanaw li jaħdmu, f'dan il-qasam.

Il-ħames xejriet imsemmija fit-tieni kapitlu huma ppreżentati hawn taħt, flimkien ma' lista ta' rakkomandazzjonijiet, li mhijiex kompluta, u li l-għan tagħha hu li jkun hemm twettiq b'suċċess.

### 3.1 Kemm wieħed jaffordja jikseb dak li jkollu bżonn

Biex wieħed jassigura li l-ECI jilħaq it-tfal, u l-familji kollha bi ħtieġa, kemm jista' jkun kmieni, qegħdin jiġu proposti dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

**L-eżistenza ta' miżuri ta' ECI:** fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, il-miżuri tal-*policy* għandhom jiggarantixxu l-ECI bħala dritt għal tfal u familji li għandhom ħtieġa tagħhom. Il-*policies* tal-ECI għandhom itejbu x-xogħol li għandu jsir minn professjonisti bejniethom flimkien mal-familji, billi jiddefinixxu l-kriterji tal-kwalità u l-evalwazzjoni. Filwaqt li tingħata attenzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiżi differenti, tliet aspetti jinħtieġu attenzjoni partikolari:

1. Familji u professjonisti għandhom bżonn ta' miżuri ta' *policy* li huma kkoordinati bil-galbu f'termini ta' strateġiji ta' twettiq, obbjettivi, modi u riżultati;
2. Il-miżuri tal-*policy* għandhom l-għan li jsostnu u jassiguraw il-koordinazzjoni tas-servizzi soċjali, tas-saħħa u l-edukazzjoni involuti. M'għandux ikun hemm miżuri li jidħlu f'xulxin jew li

jikkontradixxu lil xulxin fis-servizzi nfushom jew bejn is-servizzi;

3. Miżuri ta' *policy* jistgħu jinkludu ċentri ta' sostenn tal-ECI fuq livell reġjonali u nazzjonali, li jservu bħala għaqda bejn il-livelli tal-*policy*, tal-professjonisti u ta' min qiegħed jużahom (il-familja).

**Aċċess għall-ksib tat-tagħrif meħtieġ:** kemm jista' jkun malajr, informazzjoni estensiva, ċara u preċiża dwar is-servizzi / il-proviżjoni tal-ECI għandha tiġi offruta lill-familji u lill-professjonisti mis-servizzi kollha fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Wieħed irid joqgħod attent ħafna fejn jidħol l-użu preċiż tal-lingwa. Fil-każ ta' familji minn ambjenti kulturali differenti, il-lingwa preferuta tagħhom għandha tintuża biex wieħed jevita li jeskludihom milli jkollhom aċċess għal xi informazzjoni relevanti.

**Definizzjoni ċara tal-gruppi fil-mira:** dawk li jagħmlu l-*policies* huma l-grupp li jiddeċiedu l-kriterji tal-eliġibiltà tal-ECI, imma l-professjonisti għandhom jaħdmu flimkien fi rwol li jagħtu parir – *advisory role*. Iċ-ċentri tal-ECI, dawk li jfasslu s-servizz tal-proviżjoni, it-teamijiet u l-professjonisti għandhom jiffukaw fuq gruppi fil-mira definiti, skont il-prijoritajiet stabbiliti fil-livelli lokali, reġjonali u / jew nazzjonali. Kuntradizzjonijiet bejn il-livelli jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' ċarezza u, bħala konsegwenza, tfal u familji jistgħu jispiċċaw biex ma jiħdux sostenn jew ma jkunx jista' jkollhom aċċess għal riżorsi adekwati.

## 3.2 Qrubija fis-sens ta' distanza[3]

Huwa importanti ħafna li, biex jiġi assigurat li l-proviżjoni u s-servizzi tal-ECI jilħqu lill-familji kemm jista' jkun qrib fejn ikunu joqogħdu, huwa importanti li jingħata każ, dan li ġej.

**Deċentralizzazzjoni tas-servizzi / proviżjoni:** Is-servizzi tal-ECI u/ jew proviżjoni għandhom ikunu lokalizzati qrib il-familji biex:

- Jgħinu għal għarfien aħjar tal-kundizzjonijiet tal-ambjent soċjali tal-familji;
- Jassiguraw l-istess kwalità ta' servizz minkejja d-differenzi fil-lokazzjoni ġeografika (eż. ambjenti rurali jew imxerrda);

[3] Il-qrubija fis-sens ta' distanza hija meqjusa f'dan id-dokument bħala li għandha tifsira ta' żewġ xejriet: qrib post, jew, qrib persuna.

- Jeħilsu minn xogħol – li jkun dupplikat; ta' natura irrelevanti; jew li jtellef.

**Kif wieħed jilħaq il-ħtiġijiet tal-familji u t-tfal:** Is-servizzi u l-proviżjoni għandhom jagħmlu l-isforz neċessarju biex wieħed jilħaq il-familji u t-tfal u jagħtuhom is-servizzi li jkollhom bzonn. Dan jimplika:

- Familji għandhom d-dritt li jkunu infurmati tajjeb mill-mument meta l-ħtieġa tiġi identifikata;
- Il-familji għandhom id-dritt li jiddeċiedu, flimkien mal-professjonisti fuq il-passi li għandhom jittieħdu;
- L-ECI ma tistax timponi fuq il-familji, imma għandha tiggarantixxi d-dritt li t-tifel / tifla jiġi protett. Id-drittijiet tat-tfal u tal-familji għandhom isostnu lil xulxin;
- Il-familji u l-professjonisti jaqsmu għarfien tat-tifsira u l-benefiċċji tat-tip ta' intervent rrakkomandat lill-familji u lit-tfal;
- L-iżvilupp ta' dokument bil-miktub (bħal Pjan Individwali, Pjan Individwali ta' Servizz lill-Familja, jew ekwivalenti) imħejji minn professjonisti flimkien mal-familji, għandu jiffaċilita t-trasparenza u l-qbil komuni fuq il-proċess tal-ECI: ippjanar ta' intervent, formulazzjoni ta' għanijiet u responsabiltajiet, evalwazzjoni tar-riżultati;
- Il-familji għandhom jirċievu taħriġ meta dawn jitolbuh, li għandu jgħinhom jiksbu l-ħiliet u l-għarfien meħtieġ, biex b'hekk jiffaċilitaw l-interazzjoni tagħhom mal-professjonisti u t-tifel/tifla tagħhom.

## 3.3 Kemm wieħed jaffordja jikseb dak li jkollu bżonn

Biex ikun assigurat li l-proviżjoni tal-ECI u s-servizzi tagħha jilħqu l-familji kollha u t-tfal żgħar li jkollhom ħtieġa ta' sostenn, minkejja l-ambjenti esoċjo-ekonomiċi differenti, huwa imporanti li jiġi assigurat li **servizzi bla ħlas ikunu jistgħu jinksbu mill-familji.** Dan jimplika li l-fondi pubbliċi għandhom iħallsu l-ispejjez kollha relatati mal-ECI permezz tas-servizzi pubbliċi, il-kumpanniji tas-sigurtà, l-organizzazzjonijiet li jaħdmu mhux bi skop ta' profitt, eċċ, billi jilħqu l-istandards ta' kwalità meħtieġa li nsibu fil-leġiżlazzjoni rispettiva nazzjonali tal-ECI. Fi proviżjoni ta' ECI privat imħallas kollu kemm hu mill-familja, u f'servizzi minn fondi pubbliċi, għandhom jintlaħqu standards ta' kwalità definiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-ECI.

## 3.4 Xogħol interdixxiplinarju

Servizzi/proviżjoni għal żmien it-tfulija bikrija jinvolvu professjonisti minn dixxiplini varji u ambjenti differenti. Biex wieħed jassigura xogħol ta' kwalità f'*team*, huma ssuġġeriti dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

**Kooperazzjoni mal-familji[4]:** bħala s-sieħba ewlenin tal-professjonisti. Din il-kooperazzjoni għandha tassigura li tagħti każ ta':

- Il-professjonisti għandhom jibdew kooperazzjoni u jkollhom attitudni miftuħa u ta' rispett lejn il-familja, biex b'hekk wieħed jifhem il-ħtiġijiet u x'wieħed ikun qiegħed jistenna, u fl-istess ħin jeħles minn konflitt li jirriżulta minn perspettivi differenti ta' ħtiġijiet u prijoritajiet, mingħajr ma jimponi l-opinjoni personali;
- Il-professjonisti għandhom jorganizzaw laqgħat biex jiddiskutu punti ta' ideat differenti mal-ġenituri u flimkien jibnu dokument bil-miktub li jkun hemm qbil fuqu, u li jkun jissejjaħ Pjan Individwali jew xi ħaġa simili;
- Pjan Individwali (IFSP jew ekwivalenti) għandu jippreżenta pjan maqbul li jiddikjara l-intervent li jrid isir, kif ukoll l-għanijiet, l-istrateġiji, ir-responsabiltajiet u l-proċeduri tal-evalwazzjoni. Dan il-pjan bil-miktub u maqbul irid ikun regolarment evalwat mill-familji u l-professjonisti.

**Approċju ta' bini ta' team:** Minkejja l-ambjenti differenti, li jikkorrispondu mad-dixxiplini tagħhom, teamijiet/professjoniiiet tal-ECI għandhom jaħdmu b'mod interdixxiplinarju qabel, u waqt li jkun hemm ix-xogħlijiet li jkun hemm qbil fuqhom. Huma jridu jkollhom strateġiji ta' xogħol, obbjettivi u prinċipji komuni. L-approċji differenti għandhom ikunu integrati u kkoordinati u fl-istess ħin isaħħu approċju komprensiv u ħolistiku, aktar milli wieħed maqsum f'ħafna biċċiet għal rashom. Attenzjoni speċjali għandha tingħata lil dawn l-aspetti:

- Huwa important li jaqsmu bejniethom it-tagħrif li jkollhom biex b'hekk il-membri tat-*team* jikkumplimentaw lil xulxin, skont l-ħiliet u l-kompetenzi individwali;
- Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mit-team/professjonisti dwar li jkun hemm diskussjoni u deċiżjoni ta' qbil bejniethom;

[4] Il-kelma kooperazzjoni hija użata fit-test fis-sens ta' familji u professjonijiet li jaħdmu flimkien, billi jipprovdu l-opinjoni esperta tagħhom u jgħaqqdu l-isforzi u r-responsabilitajiet bejniethom.

- Għandha tiġi nnominata persuna ta' kuntatt biex tikkoordina l-azzjonijiet kollha neċessarji; tassigura kuntatt permanenti mal-familja; u teħles minn ħafna kuntatti unilaterali li ma jkunx hemm bżonnhom – bejn is-servizzi u l-familja. Il-persuna ta' kuntatt għandha tkun il-persuna ta' referenza għall-familja u t-*team* professjonali. Din il-persuna għandha tiġi nnominata skont l-ħiliet meħtieġa għas-sitwazzjoni speċifika;
- Professjonisti minn dixxiplini differenti għandhom ikunu jafu kif jaħdmu flimkien. Għaldaqstant għandu jiġi organizzat taħriġ ta' aġġornament komuni biex il-professjonisti jaqsmu bejniethom għerf u tagħrif bażiku relatat mal-iżvilupp tat-tifel/tifla; tagħrif u għarfien speċjalizzat relatat ma' metodi ta' xogħol, assessjar, eċċ, u kompetenzi personali; kif wieħed jaħdem mal-familji, f'*team*, ma' servizzi oħra u kif jiġu żviluppati l-abiltajiet personali.

**Stabilità ta' membri ta' team:** it-*teams* għandhom ikunu stabbli kemm jista' jkun. B'hekk jingħen il-proċess tal-bini ta' *team* u fl-aħħar mill-aħħar il-ksib ta' riżultati ta' kwalità. Tibdil ta' professjonijiet, li ma jkun ta' sikwit u fl-istess ħin ma jkunx ġustifikat, ta' sikwit jista' jaffettwa l-kwalità tas-sostenn ipprovdut kif ukoll it-taħriġ u x-xogħol f'*team*.

## 3.5 Diversità

Dawn t'hawn taħt huma suġġerimenti ta' rakkomandazzjonijiet li l-għan tagħhom hu li jiġi assigurat li s-setturi tas-saħħa, edukattivi u soċjali involuti fis-servizzi u l-proviżjoni tal-ECI jaqsmu bejniethom ir-responsabiltà.

**Koordinazzjoni adekwata ta' setturi:** Il-varjetà tas-setturi involuti għandhom jiggarantixxu li jintlaħqu l-għanijiet tal-livelli kollha tal-prevenzjoni permezz ta' miżuri operazzjonali adekwati u kkoordinati. Dan jimplika:

- Biex ma jkunx hemm nuqqasijiet u dewmien żejjed li jistgħu jaffettaw li wieħed jintervjeni, u fl-istess ħin biex ma jkunx hemm lista twal ta' nies jistennew is-servizzi jew lit-teamijiet ta' ħidma, huwa importanti ħafna li s-servizzi soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni, kif ukoll lil min jiġu referuti t-tifel/tifla, ikunu involuti sa minn meta wieħed jinduna bil-każ;

- Proċeduri ta' *screening* ta' żvilupp qegħdin hemm għat-tfal kollha. Hemm bżonn li dawn ikunu magħrufa u mwettqa b'mod sistematiku;
- Ikun hemm monitoraġġ konsistenti, pariri u proċeduri ta' *follow-up* li jeħtieġ li jiġu pprovduti lin-nisa tqal kollha.

**Koordinazzjoni adekwata ta' proviżjoni:** koordinazzjoni tajba hija neċessarja biex wieħed jiggarantixxi l-aħjar użu tar-riżorsi tal-komunità. Koordinazzjoni tajba tfisser li:

- Is-servizzi għandhom jassiguraw kontinwità tas-sostenn meħtieġ meta t-tfal ikunu qegħdin mexjin minn proviżjoni għal oħra. Il-familji u t-fal għandhom jiġu involuti kemm jista' jkunu u jingħataw is-sostenn meħtieġ;
- L-ambjenti ta' qabel id-dħul fl-iskola għandhom jassiguraw post mingħajr ħlas għal tfal li ġejjin minn servizzi/proviżjonijiet ta' ECI.

Kif għedna aktar 'il fuq, dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma fil-qofol tagħhom indirizzati lejn il-professjonisti li jaħdmu jew jippjanaw li jaħdmu f'dan il-qasam, imma dawn jikkonċernaw ukoll dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell ta' *policy*. Din hija r-raġuni li għaliha evalwazzjoni tal-impatt tal-*policies* tal-ECI għandha ssir b'mod regolari u fl-istess ħin kkomunikat biex b'hekk tiġi promossa diskussjoni u tiġi stimulata riċerka f'dan il-qasam. Wieħed irid iżomm f'moħħu li *policies* ta' intervent fit-tfulija bikrija huma r-responsabiltà tal-familji, il-professjonisti u dawk li jagħmlu l-*policies* fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali.

## REFERENZI


**Ainsworth, M.D., Blehar, M.C., Waters E., Wall S.** (1978) *Patterns of Attachment: a Psychological Study of the Strange Situation.* Hillsdale, NJ: Erlbaum.

**Arnkil, T.E.** (2003) *Early Intervention – Anticipation Dialogues in the Grey Zone of Worry.* Reykjavik (Iceland): Nordiska barnavårdskongressen Reykjavik.

**Bairrão, J., Felgueiras, I., Chaves De Almeida, I.** (1999) Early Intervention in Portugal. In *Symposium on Excellence in Early Childhood Intervention,* Västerås (Sweden): Mälerdalens Högskola.

**Bairrão, J., Chaves De Almeida, I.** (2002) Contributos para o Estudo das Práticas de Intervenção Precoce em Portugal. In *Collecção Apoios Educativos,* Nr. 6, Ministerio da Educação, Departamento da Educação Básica.

**Bandura, A.** (1977) *Social Learning Theory.* New York: General Learning Press.

**Björck-Akesson, E., Carlhed, C., Granlund, M.** (1999) *The Impact of Early Intervention on the Family System. Perspectives on Process and Outcome.* Madrid: GENYSI (Grupo de Estudios Neonatológicos Y Servicios de Intervención).

**Björck-Akesson, E., Granlund, M.** (2003) Creating a Team Around The Child Through Professional's Continuing Education. In Odom, S. L., Hanson, M.J., Blackman, J.A., Kaul, S. *Early Intervention Practices around the World.* Baltimore: Brookes Publishing.

**Blackman, J.A.** (2003) Early Intervention: An Overview. In Odom, S. L., Hanson, M.J., Blackman, J.A., Kaul, S. *Early Intervention Practices around the World.* Baltimore: Brookes Publishing.

**Boavida, J., Espe-Sherwindt, M., Borges, L.** (1999) Community-Based Early Intervention: The Coimbra Project (Portugal). In *Child: Care, Health and Development,* vol. 26:5, Blackwell Publishing.

**Bowlby, J.** (1969) *Attachment and Loss,* vol. 1: *Attachment.* New York: Basic Books / Tavistock Institute of Human Relations.

**Bowlby, J.** (1980) *Attachment and Loss,* vol. 3: *Loss.* New York: Basic Books.

**Bronfenbrenner, U.** (1979) *The Ecology of Human Development: Experiments by nature and design.* Cambridge MA: Harvard University Press.

**Bronfenbrenner, U., Morris, P.A.** (1998) The Ecology of Developmental Process. In Damon W. (ed). *Handbook of Child Psychology,* 5th ed. New York: John Willy&Sons.

**Bruder, M.B.** (2000) The Individual Family Service Plan. In *ERIC-Digest,* Nr. E605, Educational Resource Editors Information Centre: Clearinghouse on Disabilities and Gifted Education.

**Cameron, S., White, M.** (1996) *The Portage Early Intervention Model: Making the Difference for Families across the World. In Conference Proceedings 1996,* National and International Portage Association.

**Detraux, J.J.** (1998) *Synthèse du 4ème Symposium Européen sur 'Egalité des chances et qualité de vie pour familles avec un jeune enfant handicapé'.* European Association on Early Intervention (Eurlyaid).

**Dunst, C.J.** (1985) Rethinking Early Intervention. In *Analysis and Intervention in Developmental Disabilities,* Vol. 5.

**Dunst, C.J.** (2000) Revisiting 'Rethinking Early Intervention'. In *Topics in Early Childhood Special Education,* Nr. 20 (2).

**Eurlyaid** (1991) *Manifesto of the Eurlyaid working party with a view to future EC policy: Early Intervention for Children with Developmental Disabilities,* Elsenborn: Eurlyaid.

**European Agency for Development in Special Needs Education** (1998) *Early Intervention in Europe. Trends in 17 European Countries.* Middelfart: EADSNE.

**European Agency for Development in Special Needs Education** (2003) *Special Needs Education in Europe.* Middelfart: EADSNE.

**Felgueiras, I., Breia, G.** (2004) *Early Childhood Intervention in Portugal* (Un-Published).

**Gallagher, J., Clifford, R.** (2000) The Missing Support Infrastructure in Early Childhood. In *Early Childhood Research and Practice,* Vol.2: 1.

**GAT, Grupo de Atención Temprana** (2000) *Libro Blanco de Atención Temprana.* Madrid: Real Patronato de Prevención y de Atención a Personas con Minusvalía.

**GENYSI, Grupo de Estudios Neonatológicos Y Servicios de Intervención** (1999) *La Atención Temprana en la Comunidad de Madrid; Situación Actual y Documentos del Grupo PADI.* Madrid: GENYSI.

**Gesell, A., Ilg F. L., Ames, L.B.** (1943) *Infant and Child in the Culture of Today: the Guidance of Development in Home and Nursery School.* New York: Harper.

**Golin, A.K, Ducanis, A.J.** (1981) *The Interdisciplinary Team, a Handbook for the Education of Exceptional Children.* Rockville, MD: Aspen.

**Guralnick, M.J.** (1997) *The Effectiveness of Early Intervention.* Baltimore: Brookes Publishing.

**Guralnick, M.J.** (2001) A Developmental Systems' Model for Early Intervention. In *Infant and Young Children,* Vol. 14:2. Aspen Publishers, ISEI.

**Hains, A.** (1999) *A Comparison of Select Provisions of Individuals with Disabilities Education Act (IDEA Part B, Part C) and Head Start.* Milwaukee: University of Wisconsin Milwaukee.

**Helios II** (1996a) *Early Intervention: Information, Orientation and Guidance of Families.* Brussels: European Commission.

**Helios II** (1996b) *Prevention, Early Detection, Assessment, Intervention and Integration: An Holistic View for Children with Disabilities.* Brussels: European Commission.

**Horowitz, F.D.** (1987) A Developmental View of Giftedness. In *Gifted Child Quarterly,* Vol 31: 4. American National Association for Gifted Children.

**Horwath, J.** (2000) *The Child's World. Assessing Children in Need.* London: National Society for the Prevention of Cruelty to Children (NSPCC) / Jessica Kingsley Publishing.

**Houston, S.** (2002) Re-Thinking a Systemic Approach to Child Welfare: a Critical Response to the Framework for the Assessment of Children in Need and their Families. In *European Journal of Social Work,* Vol. 5: 3. Oxford University Press.

**Kotulak, R.** (1996) *Inside the Brain: Revolutionary Discoveries of How the Mind Works.* Kansas City MO: Andrews & McMeel.

**Ministry of Education of New Zealand** (1996) *Te Whāriki; Early Childhood Curriculum.* Wellington: Ministry of Education of New Zealand and Learning Media Wellington.

**Mrazek, P.J., Haggerty R.J.** (1994) *Reducing Risks for Mental Disorders: Frontiers for Preventive Intervention Research.* Washington DC: National Academy Press.

**Nicaise, I.** (2000) *The Right to Learn; Educational Strategies for Socially Excluded Youth in Europe.* Bristol: The Policy Press.

**Odom, S. L., Hanson, M.J., Blackman, J.A., Kaul, S.** (2003) *Early Intervention Practices around the World.* Baltimore: Brookes Publishing, ISEI, International Issues in Early Intervention Series.

**Park, N., Peterson, C.** (2003). Early Intervention from the Perspective of Positive Psychology. In *Prevention and Treatment,* Vol. 6, article 35, American Psychological Association.

**Peterander, F., Speck, O., Pithon, G., Terrisse, B.** (1999) *Les tendances actuelles de l'intervention précoce en Europe.* Sprimont: Mardaga Publishing House.

**Peterander, F.** (2003a) La formation du personnel à l'intervention précoce en milieu familial en Allemagne: de nouvelles compétences pour une nouvelle profession. In *La revue internationale de l'intervention familiale,* vol. 7: 1.

**Peterander, F.** (2003b) Supporting The Early Intervention Team. In Odom, S. L., Hanson, M.J., Blackman, J.A., Kaul, S. *Early Intervention Practices around the World.* Baltimore: Brookes Publishing, ISEI, International Issues in Early Intervention Series.

**Piaget, J.** (1970) *The Science of Education and the Psychology of the Child.* New York: Grossman.

**Piaget, J., Inhelder, B.** (1969) *The Psychology of the Child.* New York: Grossman.

**Pretis, M.** (2001) *Planning, Practising and Evaluating Early Intervention.* Munich: Reinhardt.

**Ponte, J., Cardama, J., Arlanzón, J.L., Belda, J.C., Gonzalez, T., Vived, E.** (2004) *Early Intervention Standards Guide.* Vigo: Asociación Galega de Atención Temperá / IMSERNO.

**Porter, L.** (2002) *Educating Young Children with Special Needs.* London: Paul Chapman Publishing.

**Ramey, C. T., Landesman-Ramey, S.** (1998) Early Intervention and Early Experience. In *American Psychologist,* Vol. 53:2.

**Sameroff, A.J., Chandler, M.J.** (1975) Reproductive Risk and the Continuum of Caretaking Causality. In *Review of Child Development Research,* Vol. 4, Chicago: University of Chicago Press.

**Sameroff, A.J., Fiese, B.H.** (2000) Transactional Regulation: the Developmental Ecology of Early Intervention. In Shonkoff, J. P., Meisels, S.J., *Handbook of Early Childhood Intervention.* Cambridge: Cambridge University Press.

**Shonkoff, J. P., Meisels, S.J.** (2000) *Handbook of Early Childhood Intervention.* Cambridge: Cambridge University Press.

**Shonkoff, J. P., Phillips, D.A.** (2000) *From Neurons to Neighbourhood. The Science of Early Childhood Development.* Washington: National Academy Press.

**Simeonsson, R. J.** (1994) *Risk, Resilience, and Prevention. Promoting the Well-Being of All Children.* Baltimore: Brookes Publishing.

**Skinner, B. F.** (1968) *The Technology of Teaching.* New York: Appleton-Century-Crofts.

**Trivette, C.M., Dunst C.J., Deal, A.G.** (1997) Resource-Based Approach To Early Intervention. In Thurman, S.K., Cornwekk, J.R., Gottwald, S.R. *Contexts of early intervention: systems and settings,* Baltimore: Brookes Publishing.

**UNESCO** (1994) *The Salamanca Statement and Framework for Action on Special Needs Education.* Paris: UNESCO.

**UNESCO** (1997) *International Consultation on Early Childhood Education and Special Educational Needs.* Paris: UNESCO.

**United Nations Organisation** (1948) *Universal Declaration of Human Rights.* New York: UN.

**United Nations Organisation** (1959) *Declaration of the Rights of the Child,* New York: UN.

**United Nations Organisation** (1989) *Convention on the Rights of the Child.* New York: UN.

**United Nations Organisation** (1993) *The Standard Rules on the Equalization of Opportunities for Persons with Disabilities.* New York: UN.

**Vygostsky, L.S.** (1978) *Mind in Society.* Cambridge MA: Harvard University Press.

**World Health Organisation** (1980) *Prevention in Childhood of Health Problems in Adult Life.* Geneva: WHO.

**World Health Organisation** (2001) *International Classification of Functioning, Disability and Health.* Geneva: WHO.